FRANS SAMMUT

# VASSALLI ILLUMINISTA

Bosta huma l-mistoqsijiet li għadhom marbutin ma' isem Vassalli. Minnu li Vassalli kien qabel żmienu kif irid iwemminna Cremona[1]? Minnu li Vassalli kien jaqdi lil 'zeloti'[2] oħrajn għall-għanijiet tagħhom u mhux għal tiegħu? Min għenu fil-bosta waqtiet imwiegħra fejn ħajtu kellha mixjitha mhedda sew fi ħwejjeġ il-ġisem kemm f'dawk tal-moħħ? Minn xiex kienet ġejja l-ħerqa ta' Vassalli għall-Malti u għal Malta? Se titfittex hawnhekk tweġiba, sa fejn wieħed jista', għal dawn il-mistoqsijiet fid-dawl ta' dak li hu magħruf dwar żminijiet Vassalli u l-aktar dwar il-bixra intellettwali tagħhom.

Meta l-Professur Oliver Friggieri[3] stħarreġ il-bixra ta' qofol ta' dawn iż-żminijiet qiegħed lil Vassalli fil-kwadru Romantiku bil-għan li jfissru fid-dawl ta' dak il-kwadru. Hawn qed jiġi propost li narawh fi kwadru kemmxejn idjaq, jew aħjar f'ċirku iżgħar għad li bl-istess ċentru taċ-ċirku Romantiku. Iċ-ċirku propost huwa dak ta' l-Illuminiżmu, jew il-'preromantiċiżmu' u l-għemejjel li seħħew fih.[4]

## L-Illuminiżmu – ġlieda kontra l-immaturità

F'artiklu li kiteb fl-1784, Immanuel Kant[5] jara l-qofol tal-bidla kbira intelletwali li ħoloq l-Illuminiżmu bħala 't-tluq tal-bniedem mill-immaturità li ġab fuqu nnifsu.' Sa dak iż-żmien il-bniedem kien taħt tutela intellettwali mċaħħad mill-ħila li juża moħħu jekk mhux taħt ir-rażan u t-tmexxija ta' ħaddieħor. Issa l-bniedem kien kiber. It-tiftix bla lġiem tiegħu għall-għerf u l-kisba tal-ħelsien intellettwali tiegħu kellhom iwassluh biex jixħet wara dahru l-fehmiet, mgħawġin u qodma, ta' dari, iġibulu ħelsien ġdid u b'hekk seta' jara s-setgħat kollha ta' ġo fih iseħħu u jitwettqu. '*Sapere aude!* Kun qlubi biżżejjed biex tuża dehnek! Dak hu l-ispirtu ta' l-Illuminiżmu!' jgħid Kant biex jiġbor kollox fil-qosor.

Kien jeħtieġ, skond Kant, li l-filosofija ssir 'aggressjoni ddixxiplinata kontra problemi konkreti'. U l-għan ta' din l-aggressjoni kellu jkun 'l-hena tal-bniedem'. Jew dik li jħobb isemmi Vassalli '*la comune felicità*' fid-*Discorso Preliminare* għal *Ktyb yl Klym Malti*[6].

Kien f'dan iż-żmien li din l-idea tal-jedd tal-bniedem għall-hena, mgħobbija kif kienet bi ħjiel ta' ribelljoni soċjali, ġiet milqugħa għall-ewwel mill-avangwardja intellettwali u mbagħad minn oħrajn ukoll. Vassalli jeħodha bħala għan li għandu jiġi preżunt meta jikteb sewwasew hekk: '*La cultura adunque della lingua materna è necessaria in primo luogo per l'educazione. Questa è il principal oggetto, che deve avere una nazione perchè da lei la comune felicità dipende.*'[7]

F'dal-kliem hemm tista' tgħid il-programm kollu ta' Vassalli: (a) il-bniedem għandu jedd għall-hena; (b) dan l-hena jiddependi mit-tagħlim (jew edukazzjoni); (ċ) għal dat-tagħlim huwa meħtieġ it-trawwim ta' l-ilsien matern.

Dan il-programm Vassalli baqa' jħaddnu sa l-aħħar, jiġifieri, sa wara l-waqgħa ta' Napuljun u t-tmiem ta' l-epoka Napoleonika, kif naraw fl-*Istedina*[8] fejn jgħid hekk: 'Il-bniedem li ma jafx jaqra u jikteb jista' jgħid illi ma hu xejn fid-dinja, illi hu l-ilsir tiegħu nnifsu u ta' l-oħrajn, illi kull fejn imur ma jiswa xejn, u jgħaddi b'miskin u b'żewwiel.'

Il-fehmiet bikrin dwar l-edukazzjoni li mbagħad ħadmu fuqhom il-*philosophes*[9] Franċiżi kienu ġejjin mill-filosfu Ingliż ta' tmiem is-seklu sbatax John Locke [10]. Locke kien jemmen fl-onnipotenza ta' l-edukazzjoni. Huwa kien jemmen li fit-twelid il-moħħ ikun *tabula rasa,* karta battala fejn jista' jitniżżel kulma jrid il-għalliem tiegħu. It-tarbija ma jkollhiex xejriet mitwielda fiha, u la għall-ħażen u la għat-tajjeb; il-personalità li mbagħad tikseb it-tarbija tiġi mit-tiġrib tal-ħajja.

Dal-ħsieb misjub f'*An Essay Concerning Human Understanding* (1690) kellu diwi kbir fit-tagħlim tas-seklu tmintax. Locke għallem li la t-tixtil ta' moħħ it-tarbija ġej biss mit-tiġrib u ma hemm l-ebda siwi f'li tkun wirtet it-tarbija mingħand ta' qabilha, l-għalliem seta' jagħmel li jrid biha u jtellagħha kif irid. Minn hawn tnissel it-twemmin li l-perfezzjoni tal-bnedmin tista' tintlaħaq.

Kollu minnu, jgħid Locke, li l-bnedmin m'humiex perfetti, imma dan ġej minn nuqqasijiet fl-ambjent tagħhom li jistgħu, għall-inqas fil-prinċipju, jissewwew bit-tagħlim. Id-dixxipli ta' Locke kienu jemmnu li naturet it-tarbija kienet tissawwar fis-snin bikrin tagħha. L-ideat ta' Locke dwar it-tagħlim dehru fl-aqwa tagħhom fil-*Projet de Perfectionnement de l'Education,* ta' Saint-Pierre u mbagħad dehru fl-għamla estrema tagħhom fl-*Émile* ta' Rousseau. Voltaire, ngħidu aħna, sar midħla ta' l-*Essay* ta' Locke fuq suġġeriment ta' Bolingbroke.[11]

Fuq dan l-isfond Vassalli kien aktar imħejji jagħdab għal dawk li ma ridux jgħallmu lill-poplu (jew lin-'nazzjon' kif beda jissejjaħ il-poplu) u fuq kollox kien imwebbel li t-tagħlim ta' wlied il-poplu ma setax iseħħ tabilħaqq jekk kemm-il darba ma jsirx tagħlim ta' lsien il-poplu, jiġifieri l-Malti. Tagħlim tal-Għarbi kien hemm, iżda kienet ħaġa ċara li l-Għarbi ma kienx ilsien il-Maltin. Hu li tgħallem l-Għarbi[12] u f'ħin wieħed kien osservatur tajjeb tal-Malti seta' jintebaħ sew bid-differenza li tgħaddi bejn l-Għarbi Klassiku (*al-lugha al-gharabija al-fusha*) li kienet mgħallma u l-Malti.

Mhux ta' b'xejn li fid-*Discorso* jisħaq li għandu jintgħallem il-Malti u li fil-*Lexicon* innifsu jagħmel ħiltu kollha juri d-differenza bejn nisel il-Malti u l-Għarbi, imqar fejn din id-differenza ma kinitx minnha kif se naraw aktar 'il quddiem.

Qabel jasal biex jistqarr dil-fehma, il-kittieb jistieden lill-qarrej iħares lejn xogħlu "*purchè meco prosiegua a ragionare.*" Il-kelma-muftieħ hija '*ragione*' - ir-raġuni li nsibuha tlewwen id-*Discorso* kollu. Fis-sew Vassalli mhux biss jgħid li jistenna li dawk li ma jaqblux miegħu jressqu kritika '*ragionata*' iżda jsemmi lit-taħdit tiegħu u lit-tiswir tad-dizzjunarju nnifsu bħala '*ragionamenti.*'

Vassalli jgħid fil-ftuħ li jrid iressaq il-*Ktyb* f'"*un secolo in cui le arti e le scienze àn fatto progressi sì grandi ed ammirabili*" (seklu li fih l-oqsma ta' l-arti u tax-xjenza mxew tant 'il quddiem) li jistqarr li fis-snin disgħin tas-seklu tmintax qajla kien fadal oqsma li wieħed kien għadu jista' jorqomhom. Fuq dan l-isfond ta' progress

intellettwali kbir u tal-għaġeb Vassalli jħossha akbar il-ħtieġa li jitħares l-Ilsien Malti, 'wieħed mill-eqdem imfakar' li b'xorti ħażina kien mitluq u mħolli fil-ġenb mill-Maltin.

Wara li jsemmi lil dawk li qablu tkellmu dwar il-Malti u jgħarrafna bid-dgħufija tagħhom, jiftaħ diskors xjentifiku - li waqt li jurih ta' ħila meta mqabbel mal-barranin ta' żmienu - jqiegħed lill-Malti fid-dawl xieraq tiegħu bħala lsien ġej mil-Lvant. Vassalli jgħid li wara li bl-istudju tal-Għarbi għaraf il-bixra orjentali tal-Malti (jiġifieri b'differenza ta' Agius de Soldanis li fid-Dizzjunarju tiegħu wera li ma fehem xejn dwar nisel il-Malti) ra wkoll differenza bejn dawn iż-żewġt ilsna mhux biss fil-lessiku iżda fil-grammatika kif jagħmel ħiltu jurina fit-tqassim li għamel fil-*Myslen*.[18]

Bit-taħdit tiegħu Vassalli joħloq pont ma' żmienna għax imiss il-laħam il-ħaj tal-'kwistjoni tal-lingwa' li baqgħet nieżla sa żmienna u nqatgħet biss ftit għexieren ta' snin ilu. It-taħdit ta' Vassalli u l-argumenti li jitqanqlu kemm loġikament kemm antitetikament minnu jisqassam hekk, b'kuntrast ma' fehmiet kontriehom miġjuba minn oħrajn ta' żmienu u ta' wara żmienu:

(a) Vassalli: Il-Malti, ta' nisel Feniċju-Puniku, għad li bħall-Kaldajk u s-Sirjakk, ħass u ġarrab il-ħakma u l-influss tal-Għarbi, qaribhom iżda b'saħħtu aktar minnhom bħala lsien ħakkiem qawwi, baqa' ħaj u b'saħħtu; għalhekk jiswa mitqlu deheb bħala għodda għall-identità kulturali u politika tan-nazzjon; anzi, mhux biss għandna ngħożżuh iżda norqmuh u fuq kollox inżommuh safi mit-taħsir li jista' jiddakkar minnu bħalma ġara fil-*patois* tal-Belt fejn tħallat b'ħafna kliem barrani fosthom kliem Franċiż u sar taħlita li ddejqek;

(b) Oħrajn: Il-Malti huwa l-Għarbi mitkellem imħallat bi kliem Kaldajk u Sirjakk u ġie Malta lest f'dik l-għamla; xorta waħda llum jiswa bħala għodda għall-identità nazzjonali sewwasew minħabba l-individwalità lingwistika tiegħu; dawn ġew wara l-fehma ta' Vassalli sewwasew għaliex billi ma kinux tas-seklu tad-Dawl marbut ma' ċertu klassiċiżmu, kienu, bl-influwenza Romantika jagħtu kas ħafna ta' dak li ġej mill-poplu u allura jqisu li dak li hu tal-poplu m'għandux għalfejn ikollu "antenati illustri" bħalma kienu r-Rumani u l-Griegi jew, fil-każ ta' Malta, l-Feniċi.

(ċ) Oħrajn: fosthom dawk li kienu jaqblu mal-Partit tal-Ħaddiema fl-ewwel għexieren tas-seklu XX: Il-Malti, djalett jew lingwa, jiswa għal dawk li ma jafux bit-Taljan jew bl-Ingliż u għalhekk għandhom jinqdew bih ħalli jegħilbu n-nuqqas ta' ħaqq soċjali li kien imsaħħaħ bl-għarfien ta' l-ilsna l-oħra.[14]

(d) Oħrajn: fosthom l-għedewwa tal-Malti tal-bidu tas-seklu XX: Il-Malti huwa biss djalett fqir tal-Għarbi u ma jiswa għalxejn ħlief għat-taħdit ta' kuljum u aktar ma jinqata' malajr ikun aħjar għall-Maltin li jaħtru ħinhom għal ilsna oħra, l-aktar it-Taljan, li jiksbulhom rabta ma' pajjiżi kbar Ewropej[15]; din il-fehma jaqblu magħha wkoll, għad li għal raġunijiet oħrajn, l-edukaturi Għarab, fosthom Ax-Xidjaq li kien hawn Malta fl-ewwel nofs tas-seklu XIX,[16] li jżommu mal-fehma li l-Għarbi biss għandu jiġi studjat u d-djaletti (*al-lahġat*) għandhom jitħallew fil-ġenb u ma jingħataw l-ebda siwi. Fid-dinja Għarbija dil-fehma torbot mas-siwi tal-Għarbi ma' l-Islam u mal-fehma nazzjonalistika ta' l-*Umma* jew in-Nazzjon Għarbija, u għalhekk kull siwi mogħti lid-djaletti jkun jiswa ta' ħsara għall-ħolma l-kbira tal-għaqda Għarbija.

Dwar (a) Vassalli jfisser ruħu sew fid-*Discorso Preliminare* fejn jagħti dehra sħiħa ta' kif jara l-familja ta' l-ilsna Semitici. Dwar (b) jgħid, fil-*Grammatica* li hu x'inhu, il-Malti huwa l-Malti u jiswa bħala l-Ilsien Nazzjonali, l-ilsien tal-poplu. Fejn tidħol (ċ) Vassalli ma jaqbel xejn, anzi jqis li l-Maltin ma setgħux ilaħħqu mal-progress li nġab bis-Seklu tad-Dawl sewwasew għaliex ma jitgħallmux iħaddmu lsienhom u minħabba f'hekk jibqgħu ma jitgħallmu u la l-ilsna l-oħrajn u lanqas it-tagħlim li jista' jinkiseb bihom. Din il-fehma komplew fuqha bosta edukaturi serji tas-seklu XIX, fosthom Panzavecchia u l-aqwa edukaturi tas-seklu XX fosthom Laferla. M'għandniex xi ngħidu, Vassalli lanqas ma' (d) ma jaqbel. Anzi jwarrab għal kollox is-siwi ta' l-istudju ta' l-Għarbi (l-ilsien ta' l-Infidili li jimxu wara Muħammed) u kull siwi pan-Għarbi li jista' jkollu dak l-ilsien għall-Għarab.

Tant jidħol fil-fond ta' l-istudju tal-Malti fih innifsu li wara stħarriġ li għamel fid-''djaletti'' tiegħu, kif jgħarrafna fid-*Discorso,* jagħti dehra tat-tqassim tagħhom fl-irħula u fl-irħajjel ta' fuq u ta' isfel bl-istess impenn li wieħed jagħti lid-djaletti ta' lsien stabbilit sabiex jara fejn jaqblu u fejn ma jaqblux miegħu għal għanijiet ta' lingwistika sinkronika.

M'għandniex xi ngħidu Vassalli jżomm mal-fehma li għandu jkun hemm Malti *standard* li quddiemu jbaxxu rashom id-''djaletti'' l-oħrajn iżda dan jgħodd għall-Malti miktub u ma jagħti l-ebda ħjiel li jixtieq joħnoq lill-oħrajn. Għalih id-differenza bejn il-Malti mitkellem u l-Malti miktub tinsab hemmhekk u tieqaf hemm.

Il-Maltin setgħu jeħilsu mill-'immaturità' li kienu fiha billi jrawmu l-Malti *standard* u b'hekk jitgħallmu jfissru rwieħhom, isinnu s-setgħat ta' moħħom, inaqqsu l-għelt ta' bejniethom li ġej min-nuqqas ta' ftehim li min-naħa tiegħu ġej min-nuqqas ta' trawwim xieraq ta' l-ilsien nazzjonali.

## Sehem l-intellettwali – ġlieda kontra l-ordni soċjali

Waħda mill-ħwejjeġ ġodda li feġġew ma' l-Illuminiżmu kien ir-rwol ta' l-intellettwali u s-sehem ċivili tiegħu f'taqbida mas-''setgħat pubblici'', imdaħħal b'ruħu u b'ġismu fil-mixja 'l quddiem taċ-ċiviltà bit-tħaddim ħieles u koerenti tar-Raġuni.

Ix-xbiha ta' l-intellettwali l-ġdid kienet f'kuntrast dirett ma' ta' l-intellettwali ta' l-imgħoddi li kien subaltern tal-kortiġjani u ma' ta' l-intellettwali li kien jaħrab fid-dinja illuzorja tal-miti ta' l-arti. Il-karta ta' l-identità ta' l-intellettwali l-ġdid kienet imlewna bil-verita', l-ħelsien u l-faqar.

L-intellettwali illuminista kien konxju li qed jagħmel sehem minn ''klassi'' li dmirha kien li tmexxi lis-soċjetà. Il-kodiċi ta' din il-''klassi'' jinsab fl-*Essai sur la societé des gens de lettres et des grands* ta' Jean-Baptiste D'Alembert (magħruf l-aktar għad-*Discours preliminaire* ta' l-Enciklopedija).

Dan huwa l-isfond storiku – soċjali li fih għex u tgħallem Vassalli fis-snin li jsejħilhom l-'*anni verdi*' tiegħu u li Cremona u oħrajn warajh jirreferu biss għalihom fuq fuq bil-frażi ''Vassalli ddakkar mill-ispirtu ta' żminijietu''. Kieku ta' wara Cremona indenjaw ruħhom jistudjaw tassew żminijiet Vassalli kienu jintebħu li hemm kemm – il persunaġġ li għaddew mill-istess mangnu li għadda minnu Vassaslli.

Ir-raġunijiet għaliex ħarbu minn dax-xogħol jistgħu jkunu bosta, mhux l-inqas fosthom li kienu jitmeżmżu li jġibu fuqhom l-istmerrija ta' l-istituzzjonijiet setgħana, fosthom il-Knisja li baqgħet sa ftit ilu sur imwaħħar ta' l-istess istituzzjonijiet li l-Illuministi kienu jitqabdu magħhom. Hu x'inhu, kull fejn Cremona jeħles mit-tabxiet, ma' l-ewwel ħjiel tagħhom, u jiktiblek, ngħidu aħna, 'ġie Malta, xi ftit b'rasu mħeġġa b'dawk l-ideat ġodda' jew 'Vassalli ġie lura Malta (wara l-eżilju) bniedem għajjien', ta' wara Cremona jagħmlu l-istess: idabbru rashom, flok ma jqallbu l-ħajjiet u t-tiġrib ta' dawk li bħal Vassalli kienu mdaħħlin mal-Ġakobini u riedu jtejbu s-soċjetajiet li fihom kienu jgħixu.

Xhieda tal-ħajjiet ta' dawn il-Ġakobini, ħbieb tar-Rivoluzzjoni Franċiżi – ma ninsewx li Napuljun hekk sejjaħlu lil Vassalli meta niżel hawn Malta – tinsab imniżżla f'kitbiet dwar il-Ġakobini Naplitani, li jiena naħseb li Vassalli l-aktar li kellu x'jaqsam magħhom[17].

Illum li l-Knisja f'Malta tilfet is-setgħa, u l-aptit għas-setgħa, li darba kellha, wieħed jista' jħossu aktar ħieles li jfittex u jxandar is-sejbiet tiegħu dwar is-sejħa għall-egwalitariżmu tas-seklu tmintax u fih isib il-motivi li ġagħlu lil Vassalli jitqabad mal-Gvern ta' l-Ordni mhux biss bil-kitba iżda bl-għamil ukoll. U mbagħad, għandu mnejn jkun jista' jwieġeb għall-mistoqsija: minnu li Vassalli, kif qal Cremona, kellu l-għan li jdaħħal sens ta' demokrazija fil-Gvern ta' l-Ordni u kien lest, bħal Pestalozzi[18] jgħin lil dak il-Gvern, qabel ma mbagħad qata' qalbu u dar kontrieh, jew, kien x'kien Vassalli kellu l-għan li jħebb għal dak il-Gvern despotiku u l-memorjali li ressaq quddiemu kienu biss pretest, offerta li kien jaf li l-Gvern ma jistax jilqagħha iżda li biha jkollu raġuni għaliex jgħajru u jqajjem lill-Maltin kontrieh?

Għandu mnejn min jinżel ifittex fl-arkivji ta' l-Illuministi jkun fl-aħħar jista' jwieġeb il-mistoqsija: jew kien Vassalli mgħajjex fuq il-fehmiet tal-Clubs Massoniko–Ġakobini ta' Napli fejn kienet tinħema r-rivoluzzjoni bil-qari tal-*Congiura dei pazzi* u tal-*Bruto* ta' Alfieri u l-qari tar-Rivoluzzjonarji Franċiżi u Amerikani li fehmiethom kienu xterdu u tħaddnu fis-Saltna taż-Żewġ Sqallijiet?[19]

Tibqa' tidher inġenwa l-interpretazzjoni li Cremona ta lit-talba ta' Vassalli, imsemmija minn Panzavecchia, biex il-Gvern ta' l-Ordni jsir demokratiku, meta nqabbluha mal-*Lettera dei patriotti d'Italia al Re delle due Sicilie (Milano, 15 fiorile, 1798)*[20] – memorjal li fih jintalab li titwettaq politika ta' demokratizzazzjoni fis-Saltna qabel ma jsir ħbit armat mill-Franċiżi? Il-kummentatur Paolo Frascani jgħid hekk dwar dal-memorjal Naplitan: 'Barra mill-inġenwità u l-astrazzjoni ta' talba bħal din, ikun interessanti nilmħu fiha l-għarfien ta' dawk li kienu sa jkunu l-konsegwenzi ta' invażjoni ta' l-Italja t'isfel min-naħa tar-Rivoluzzjonarji Franċiżi. Jekk it-talba ma tintlaqax, is-Saltna kienet sa tisfa mneżżgħa minn armata barranija li jkollha l-jedd iżżarma l-monumenti ta' l-arti u ċċaħħadha minn flusha.' Ma jidhirx li fil-memorjal ta' Vassalli kien hemm din it-theddida, iżda waqt li l-memorjal Naplitan ma ġie ffirmat minn ħadd, ta' Vassalli sar fuq ismu. Iżda l-konsegwenzi kienu xorta: l-Ordni tilef kollox meta ġew il-Franċiżi. Hija ħasra li tibqa' għal dejjem il-mistoqsija: kieku l-Gvern ta' l-Ordni għamel kif ried Vassalli u dawwar lil Malta f'repubblika,

Napuljun kien jerħilha meta kien fi triqtu lejn l-Eġittu? Li nafu fiż-żgur hu li Napuljun ma ħebbx għar-Repubblika ta' San Marino, anzi, waqaf f'riġlejn l-għolja li fuqha mibnija u bagħat iselli għaċ-ċittadini tagħha u jifirħilhom bħala 'l-eqdem repubblika fl-Ewropa'[21].

Kinitx inġenwa jew le t-talba ta' Vassalli, lil min kitibha nsibuh imdaħħal sew fil-Partit Repubblikan ta' Malta[22] li kien jiltaqa' fil-*Club* ta' Ħal Lija[23] u qajla kellhom nies inġenwi mxierka fih. Kien Club li mill-kliem jasal għall-fatti mqar jekk l-għadu tiegħu kien bil-wisq aktar setgħan minnu.

Ma jkunx ħażin jekk fil-qosor kemm jista' jkun nagħtu ħarsa lejn l-għadu tar-Repubblikani u lejn il-qagħda li ħalla lil Malta taqa' fiha.

L-ewwelnett il-Gvern ta' l-Ordni kien xbiha mqaxxra ta' l-*ancien regime*, ir-reġim il-qadim li fl-Ewropa konservattiva kien ifisser tirannija u despotiżmu bla rażan. L-Ordni mhux biss kien aristokratiku iżda magħmul minn nies barranin. Il-Maltin setgħu biss iseftrulu; lanqas joħolmu ma kienu li xi darba seta' jkollhom xi sehem, ċkejken kemm hu ċkejken, fit-tmexxija tal-pajjiż u tagħhom infushom. Dan kien jgħodd għall-Maltin kollha, fosthom in-nobbli, li wħud minnhom kellhom in-nisel nobbli tagħhom sejjer lura sa żmien l-Ispanjoli, il-borgeżija u m'għandniex xi ngħidu l-ħaddiema u l-bdiewa.

L-aktar li kienet tħoss dan-nuqqas kienet il-borgeżija, għax in-nobbli kienu draw imċaħħdin u l-baxxi, billi l-kotra l-kbira kienu bdiewa kienu mdorrijin bil-madmad tal-ħakkiem. Biex tagħqad wara l-irvell ta' Dun Gejt Mannarinu fl-1775, magħruf bħala l-Irvell tal-Qassisin[24], il-Kunsill Popolari ma tlaqqax iżjed għad li l-Gran Mastru Ximenes, bil-ħsieb li jrattab il-qlub tan-nies tar-rewwixta, kien sejjaħ laqgħa tiegħu u wiegħed li jqim il-jeddijiet u l-privileġġi tal-poplu. Il-Kunsill tneħħa formalment mill-Gran Mastru De Rohan, jew is-Sultan Dirwan, kif kienu jafuh il-Maltin, fl-1777 u ma reġax iltaqa' qabel l-4 ta' Settembru 1798 meta l-Maltin bdew isejħulu l-Kungress.

Il-qagħda tal-Maltin taħt l-Ordni kienet ħadet xejra għall-agħar sa mill-bidu tas-seklu tmintax meta l-popolazzjoni saret darbtejn ta' li kienet qabel, hekk li l-Gran Mastru Zondadari (1720–1722) kien qal, ċinikament, li l-pesta biss setgħat tħoll din il-problema. Vilhena (1722–1736) fittex li jtaffi l-inkwiet fost il-poplu billi ħoloq xogħol fil-bini pubbliku. Ma' mewtu t-Teżor kellu d-dejn ta' 278,645 skud li mal-mewt ta' Despuig (1736–1741) żdied b'179,003 skudi b'defiċit ta' kull sena ta' 120,098 skud. Il-Gran Mastri Zondadari u Ximenes (1773–1775) ħaddnu politika ta' awsterità li qanqlet bosta nuqqas ta' kuntentizza fost il-Maltin.

Il-Gran Mastru Pinto (1741–1773) żamm il-prezz tal-ħobż baxx iżda reġa' żied id-dejn tat-Teżor. Matul il-ħakma tiegħu, ta' Sultan Assolut bħas-Slaten tal-kontinent fosthom is-Sultan ta' Franza li kien ixebbah lilu nnifsu max-Xemx, kien hemm kull xorta ta' korruzzjoni fil-*Massa Frumentaria,* ngħidu aħna, li fiha kienu jinvestu l-Maltin bi tlieta fil-mija u li kellha l-monopolju fuq l-importazzjoni tal-qmuħ. Ma' tmiem il-ħakma ta' Pinto, il-komun jew l-Università tal-Belt Valletta li kienet tmexxi l-*Massa Frumentaria* kien falla u kellu jagħti 600,000 skud lit-Teżor ta' l-Ordni.

Imbagħad għal ftit taż-żmien wara l-1776 reġa' tqajjem fuq riġlejh in-negozju tal-*corso*, għamla ta' serq tal-baħar li bl-iskuża tar-Reliġjon kien iġib priża ġmielha mix-xwieni tal-Misilmin tal-kosta Afrikana,[25] li minnha l-Gran Mastru kien jieħu għaxra fil-mija tal-qligħ ta' l-oġġetti rkantati u mill-bejgħ ta' l-ilsiera maqbuda. Biex tingħata xbiha tat-taħsir morali li kien hawn fil-pajjiż ta' min wieħed isemmi wkoll il-fatt li bejn l-1703 u l-1800, l-Isqof qatt ma laqqa' l-ebda sinodu; il-Kavalieri kienu jagħmlu kulma jiġihom f'rashom u għal idejhom, u jekk kien hemm xi reżistenza min-naħa tal-Knisja ma kinitx biex jitrażżnu l-Kavallieri imma biex in-nies li kienu jaqgħu fil-ġurisdizzjoni ta' l-Isqof ma jiġux ikkastigati mill-Gvern.

M'għandniex xi ngħidu wkoll l-Irvell safa mxejjen u rjus il-mexxejja mqabbdin ġo l-arbli għoljin ħdejn is-swar tal-belt swew bħala twissija serja għal min kien jiġih f'rasu jqum kontra l-Ordni. Iżda la swew biex itejbu l-qagħda ekonomika u wisq anqas biex idawru lill-poplu favur l-Ordni jew favur il-Gran Mastru. Jekk fi żmien Ximenes xi ħadd kien żeba' mal-Palazz tas-Sultan dal-kliem iebes: "*Poveri maltesi, in che miserie vi ha portato questo Gran Mastro*" (Imsejkna Maltin, f'liema għaks ġabhom dan il-Gran Mastru) taħt De Rohan il-qagħda ma marret xejn għall-aħjar.

Aktar ma l-qagħda ekonomika kienet imwiegħra aktar il-Gran Mastru żamm iebes fil-qagħda tiegħu bħala Sultan Assolutista bil-ħruġ tad-Diritto Municipale fis-17 ta' Lulju 1784, kodiċi mifrux fuq seba' kotba li l-għan tiegħu, ewlieni, deher ċar li kien li jibqa' jżomm lill-poplu mrażżan bil-prinċipju li x-xewqa tas-sultan kienet il-liġi suprema tal-pajjiż u ma jitħalla l-ebda xaqq dawl ta' tama għall-jeddijiet tal-Maltin bħala bnedmin u bħala nazzjon fid-dawl tal-Jeddijiet tal-Bniedem u taċ-Ċittadin maħruġin mir-Rivoluzzjoni Franċiża fis-26 ta' Awissu 1789.[27]

Il-Gvern ta' l-Ordni kien stieden lill-avukat magħruf Naplitan Giandonato Rogadeo biex isawwar liġijiet ġodda. Fost il-liġijiet li kien ħejja Rogadeo kien hemm li l-Gran Mastru ma kellux jindaħal fil-kawżi tal-qrati ħlief meta tingħata sentenza tal-mewt. Rohan ma riedx iċedi dan id-dritt li kien igawdi u ta l-proġett f'idejn avukati Maltin li qdewh mill-koxxa u għenuh jeħodha kontra l-ideat imdawlin li sadattant ħarġu fil-beraħ fi Franza u saru magħrufin ma' l-Ewropa kollha.[28]

Is-Sultan Dirwan mhux biss ma kienx beħsiebu jagħti kas tal-jeddijiet li ngħataw għarfien fl-aqwa potenza ta' l-Ewropa ta' żmienu iżda ried juri bl-aktar mod dafi li hu kien iżomm mas-Sultan maħbut mill-Assemblea Nazzjonali ta' pajjiżu. (Għal din l-imġiba kellu jħallas il-Gran Mastru ta' warajh meta Napuljun niżel Malta u l-Ġeneral rebbieħ seta' jislet imġibet il-Gran Mastri bħala turija ta' ħidma kontra r-Rivoluzzjoni u b'riżq il-potenzi reazzjonarji).

Kemm il-Gran Mastru ta' Malta kien iqis ruħu bħala wieħed mis-Slaten ta' l-Ewropa jidher minn dawn it-tliet fatti dokumentati: 1) meta waslet l-aħbar li r-Re Lwiġi XVI u l-familja tiegħu nqabdu jaħarbu minn Franza, De Rohan tant ħadha bi kbira li tah attakk ta' puplesija[29]; 2) fil-15 ta' Jannar 1795 fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu l-Belt saret l-espożizzjoni tal-kwarantuni *pro preservatione* għall-ħarsien tal-gżejjer ta' Malta mid-"diżordnijiet ta' Franza"; 3) imbagħad kif ħa l-aħbar li r-Re ta' Franza "nstab ħati ta' komplott kontra l-ħelsien tan-Nazzjon u ta' attakk

kriminali fuq is-sigurtà ta' l-Istat'' u nqatgħetlu għall-mewt, De Rohan amar li jsiru l-funerali fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann 'bil-pompi kollha li s-soltu jsiru fil-mewt tas-slaten bħalna.'[30]

De Rohan ma kienx iħobb jaħdem minn taħt. Lanqas meta ra li Franza, li magħha Malta kellha rabtiet hekk mill-qrib, kienet dieħla fi żminijiet ġodda. L-ebusija ta' rasu, m'għandniex xi ngħidu, ma kinitx ġejja mill-fatt li ried iżomm il-ħakma assoluta tiegħu, iżda għaliex l-Ordni, bit-tifsila tiegħu kien se jsibha ħaġa iebsa wisq biex flok prinċipat, kif kienet Malta, jibqa' jmexxi repubblika. Kienet ħaġa x'aktarx ċara li żmien l-Ordni kien wasal fi tmiemu.

Għandu mnejn iddisprat kif kien quddiem is-sinjali taż-żminijiet, De Rohan aktar ħrax fil-qagħda tiegħu. Mhux biss għamel it-turija ta' solidarjetà ma' l-*ancien regime* li semmejna, iżda meta d-Direttorju Franċiż ħatar rappreżentant tar-Repubblika għal Malta, il-Gran Mastru bagħat iwieġeb minnufih li ma kienx se jilqgħu għaliex hu u l-Kunsill tiegħu ma kinux beħsiebhom jagħrfu, la dak inhar u lanqas fil-ġejjieni, l-hekk imsejħa Repubblika.[31]

Xejn ma kien wieħed jistenna li r-Repubblika Franċiża u l-Prinċipat ta' Malta setgħu qatt jilħqu xi ftehim. Kulma seta' wieħed jistenna kien li Malta tkun il-bersall tar-Repubblika, mhux biss billi din teħdilha ġidha kif għamlet bil-*Loi Spoliateur* iżda li tibgħat ukoll l-armata rivoluzzjonarja tagħha u taħbat għaliha.

Iżda d-Direttorju ta' Franza, bi qbil mal-fehma li kien wera darba Robespierre innifsu, jiġifieri li l-armata rivoluzzjonarja ma kinitx iddawwar nies favur ir-Repubblika, ried jimxi b'mezzi oħra. Fost dawn kien hemm it-tixrid tal-propaganda repubblikana permezz ta' nies imħarrġin fit-tagħlim, li jiltaqgħu fi *clubs* repubblikani, jew Ġakobini, u jqajmu kuxjenza kontra l-ordni soċjali tal-konservattivi, tar-reazzjonarji.

Kemm kienu jaħdmu bis-serjetà dawn il-*clubs*, mhux biss fi Franza fejn kien irnexxielhom iwasslu għar-Rivoluzzjoni, iżda wkoll lil hinn mill-fruntieri tagħha, narawh f'dak li kiteb Matteo Galdi fis-*Saggio d'Istruzione pubblica rivoluzionaria*[32] fejn ifaħħar iċ-ċirkli kostituzzjonali (mwaqqfa fuq il-mudell tal-*clubs* Ġakobini) u jisħaq fuq is-siwi ta' l-'apostolat Repubblikan'. Huwa jxebbah il-ħidma tar-repubblikani mal-persunaġġi l-kbar li nsibu fil-ġrajja tat-twemmin reliġjuż.

Jikteb Galdi: 'Mingħajr l-apostolat, Kristu, Muħammed, Odin u kemm kienu n-nies tat-twemmin fid-dinja kien ikollhom ftit li xejn proseliti, ma kinux iwettqu dak il-progress mgħaġġel u ta' l-għaġeb fi żmien qasir.'[33]

Hawn Malta l-qagħda kienet x'aktarx agħar minn dik ta' l-Italja, L-ewwelnett minħabba fl-injuranza tal-biża' li kienet taħkem fost il-poplu[34] u t-tieni billi dik li setgħet kienet it-tarka tal-poplu, jiġifieri l-Knisja, kienet tirfed lill-ħakkiema tiegħu u ma taqbilx magħhom biss meta tingħafas hi wkoll.

## Xitla oħra mill-mixtla mdawla – il-Loġġa

Fost in-nuqqas ta' qbil mad-dommi ta' l-imgħoddi, nibtet flimkien ma' l-Illuminiżmu li ried itajjar il-madmad ta' dak kollu li ma kienx marbut mar-Raġuni, u warrdet, għad li għal bosta raġunijiet tisfa mwarrba mill-istoriċi ortodossi, xitla oħra: l-għaqda li tiltaqa' f'imkejjen magħrufin bħala Loġoġ u li fihom ma jista' jidħol ħadd għajr l-imsieħba li ġew inizjati.

Il-bidu tal-Mażunerija huwa mkeffen fiċ-ċpar taż-żmien. Li hu żgur hu li fis-Seklu tad-Dawl infirxet aktar u ġibdet lejha l-aktar nies imgħallmin u mħarrġin fit-tagħlim mill-pajjiżi kollha ta' l-Ewropa. Voltaire sar membru tal-Loġġa tas-Sebat Aħwa *(Neuf Soeurs)*[35] fl-1778, Lafayette u l-mexxejja tal-Ġakobini Franċiżi, Danton, Sieyes u Camille Desmoulins kienu mażuni ħabrieka.[36] Oħrajn isemmu wkoll lil Robespierre, Mirabeau u Marat[37]. Il-*Clubs* Ġakobini ta' l-Italja t'Isfel jirreferu għalihom bħala Massoniko–Ġakobini. Il-verità hi li waqt li l-Mażunerija ma kinitx għaqda li taħdem għar-rivoluzzjoni, bosta mir-rivoluzzjonarji kienu ssieħbu fiha u waqqfu ħafna loġoġ sewwasew bil-għan li jaqilbu l-ordni soċjali qadim u floku jdaħħlu wieħed insejjes fuq il-jeddijiet tal-bniedem u ħieles mill-madmad tas-saltniet tiranniċi u tal-knisja msieħba magħhom.

Hawn Malta wkoll kien hawn bosta loġoġ, fi ħdan l-Ordni ta' San Ġwann innifsu. Il-kavalier Balì ta' Brandenburg, Wolfgang Guttenberg, stqarr fl-1730 li xi żmien qabel kien ħallas is-somma ta' 150 skud biex tinbena Loġġa Massonika fl-Imsida qrib l-Għajn tal-Ħasselin li kien bnieha hu wkoll. Il-Gran Mastru kien jgħid li jipprojbixxi s-sħubija tal-kavallieri fil-Mażunerija iżda meta ġie Malta fl-1783 l-Konti Kollowrat, Mażun magħruf, u daħal fl-Ordni sab li l-Gran Mastru De Rohan u l-Viċi–kanċillier ta' l-Ordni Hompesh kienu mażuni f'loġġa Maltija.[38] Dak li jkun għandu mnejn jistagħġeb u jistaqsi: kif jista' jkun li dawn il-konservattivi wkoll kienu msieħba fil-Mażunerija jekk din kienet miżgħuda bl-Illuministi? It-tweġiba hija faċli. Il-Mażunerija qatt ma kienet politikament omoġenja. Fiha loġoġ li l-lewn tagħhom ikun differenti ħafna minn ta' oħrajn, għad li mbagħad l-imsieħba kollha jqisu ruħhom aħwa ta' xulxin u meta tinqala' l-ħtieġa jgħinu lil xulxin minkejja kull għawġ u tegħħir.

Hemm bosta fehmiet dwar kemm kien hemm ostilità għall-Knisja fost il-Mażuni: fehmiet li ma jaqblux bejniethom. Alec R. Vidler isostni li x'aktarx ma kienx hemm ostilità dik il-ħabta. Huwa jgħid li 'bosta qassisin kienu msieħba fil-loġoġ li ma kienx għad għandhom l-anti–klerikaliżmu li mbagħad, wara, sar hekk sfiq fi ħdan il-Mażunerija kontinentali.'[40]

B'danakollu Arthur Bonnici[41] jgħidilna li hawn Malta 'l-Inkwiżitur G.F.Gallarati Scotti (1785–93) stqarr it-tħassib tiegħu mas-Sagra Kongregazzjoni ta' Ruma li wissietu jżomm għajnejh miftuħin fuq is-suspetti[42] li minħabba n-nuqqas ta' xhieda ma setgħux jiġu kkundannati.'

Kemm kienet b'saħħitha l-Mażunerija f'Malta u kemm kellha għeruq fil-fond fost l-imlaħħqin u fost il-borgeżija jidher mill-fatt li għal żmien twil kien maħsub li Napuljun sar membru tagħha matul is-sitt ijiem li qatta' Malta fl-1798.[43]

Kemm il-Mażunerija kienet taħmel kull reliġjon joħroġ mill-fatt li meta kien hawn Malta Napuljun mhux biss ħeles lill-2000 ilsir Mislem li sab hawn iżda ta l-ħelsien sħiħ lil-Lhud[44], u ħalliehom jibnu sinagoga; meta wasal l-Eġittu stqarr li kien "il-protettur ta' l-Islam"[45] u meta ġedded il-Konkordat mal-Papa amar li jkun jibda billi jagħraf il-Kattoliċeżmu bħala 'r-reliġjon tal-kotra tal-poplu Franċiż'.[46]

Wieħed minn dawk li kien jammira Napuljun, Voltaire, kien wissa lil Federiku l-Kbir tal-Prussja li l-kotra setgħet tibqa' tħaddan it-twemmin Nisrani iżda l-Imdawlin kellhom iħaddnu t-twemmin fir-Raġuni u fl-Essri Suprem għax kien jemmen li '*Il faut une religjon pour le peuple*' (għall-poplu kien meħtieġ it-twemmin) waqt li lil d'Alembert[47] wissieh: '*Quoi que vous fassiez, écrasez l'infame, et aimez qui vous aime.*' (Tagħmel x'tagħmel, ħassar dil-ħaġa infami (s-superstizzjoni) u ħobb lil min iħobbok).

Din it-tolleranza reliġjuża nnifisha kienet ħaġa ġdida għal kollox fl-Ewropa l-aktar fl-artijiet fejn kienet għadha sseħħ is-sistema fewdali, fosthom is-Saltna taż-Żewġ Sqallijiet u l-Prinċipat ta' Malta. M'għandniex xi ngħidu l-Knisja Kattolika ħarġet kontra l-Mażunerija sewwasew għax fiha lemħet rivalità għar-rwol politiku internazzjonali tagħha barra milli għall-fatt li dak iż-żmien, aktar mil-lum, kienet għajjura għall-esklussività reliġjuża.

Imma jekk il-mistoqsija dwar il-'misteru' tal-Mażunerija tista' titwieġeb bid-dokumenti li jeżistu dwarha, mhux daqshekk faċli titwieġeb din, fid-dawl tad-dokumenti li nafu bihom sal-lum: il-*Club* tar-Repubblikani li fih kien imdaħħal Vassalli kien *Club* massoniku wkoll? Kemm Joseph Galea kemm Andrew P Vella li jimxi fuqu jifirduhom minn xulxin, għad li jsemmuhom bħala *Club* li jiltaqa' bil-moħbi f'Ħal Lija. Minnu li l-Mażunerija tiltaqa' 'bil-moħbi' iżda hekk ukoll irid jagħmel kull min ikun qed jaħdem biex iwaqqa' l-Gvern bħalma kienu jagħmlu ta' Vassalli.

Kieku nistgħu nistabbilixxu li l-*Club* tar-Repubblikani (jew Ġakobini, kif kienu magħrufin) kien *Club* Massoniku kieku bosta mill-mistoqsijiet dwar l-għajnuna li ħa Vassalli kull meta sab ruħu fit-tiġrib kien ikollha tweġiba ħafifa u ħafna aktar konvinċenti mis-sempliċi assunzjoni li kien isib lil 'tal-partit' jaqbżu għalih.

Jekk tassew ħarrbuh meta kien magħluq il-Forti Rikażli, kif jgħid Cremona wara Vassallo, kienu biss nies li jobogħdu lill-Ordni, jew nies marbutin bil-ġurament li jgħinu lil ħuthom fil-għawġ? Terġa', meta ħareġ mill-Belt Valletta waqt l-Imblokk u ġie f'idejn il-Maltin tal-kampanja, għaliex ma safax imsawwat u maħbut kif ġralhom oħrajn, iżda meħud għand Ball u eżiljat fl-artijiet fejn kien hemm il-ħakma Franċiża? Dan ġara għax kien magħruf mal-Maltin bħala 'bniedem għaref' u għalhekk mhux ta' min wieħed imissu jew għax kellu l-ħbieb, jew aħjar l-'aħwa' fuq in-naħa ta' l-Ingliżi?

Kif għidna diġà dwar il-Kavalieri u l-Gran Mastru f'loġġa 'monarkika', huwa magħruf ukoll li bħalma n-nies ta' Napuljun kienu msieħba f'loġġa rivoluzzjonarja, Nelson u n-nies tiegħu kienu membri ta' loġġa monarkika wkoll.[48]

'Il quddiem meta naraw il-merħba aħwija li Vassalli sab f'John Hookman Frere kif reġa' lura Malta wara l-eżilju, nerġgħu nħabbtu wiċċha ma' l-istess mistoqsija. Imma għalissa ngħidu biss li jekk stess il-*Club* ta' Ħal Lija kien biss Ġakobin u mhux Massoniku – Ġakobin bħall-*Clubs* tal-Ġakobini Taljani, nafu li l-familja li mbagħad Vassalli żżewweġ għandha, Formosa de Fremaux, kellha wieħed minnha kemm promotur tal-Mażunerija kemm ħabib tal-Franċiżi.[49]

Hu x'inhu, Vassalli meta ġie Malta wara li kien jistudja Ruma ma damx ma sab ruħu mdaħħal fil-konfoffa kontra l-Ordni. Mill-għan tal-konfoffa, jiġifieri li l-ewwel tiġi żarmata l-armerija ta' Ħal Qormi, kien jidher li hemm il-ħsieb li ssir rewwixta mill-Maltin li għaliha kien jeħtieġ qabel jitwarrbu l-armi. Ta' min wieħed ifakkar hawnhekk li jekk bosta mill-irħula snin wara qamu kontra l-Franċiżi, kien hemm bosta beltin favur ir-Rivoluzzjoni u ħafna minnhom siefru ma' Napuljun meta baqa' sejjer l-Eġittu u fil-fatt hemmhekk għamlu isem bħala ġellieda mill-aqwa.[50]

L-ewwel m'għamel Vassalli waqt waħda mill-mawriet tiegħu f'Malta minn Ruma kien li fil-11 t'April 1795 jitlob permess lis-Sultan Dirwan[51] biex jiftaħ skola għat-tagħlim tal-Malti. Dal-permess ngħatalu għad li ma nafux l-iskola nfteħitx u jekk infetħet kemm kisbet studenti.[52]

Imbagħad il-memorjal li Vassalli bagħat,wara, lill-Gran Mastru kien aktar fih wieħed x'jomgħod. Għal daqstant ta' min wieħed jiflih kemmxejn fit-tul. L-ewwelnett naraw x'kien jgħid. Dejjem skond Fortunat Panzavecchia li nafu li kien ħabib u dixxiplu ta' Vassalli[50] – u għalhekk għandna naħsbu li kien qiegħed itenni dak li qallu Vassalli nnifsu – dan il-memorjal kien fih tliet talbiet ewlenin:
(a) li l-Ordni ta' San Ġwann jagħmel talba lis-Sante Sede sabiex jikseb id-dispensa tar-raba' vot, fi kliem ieħor ħalli ma jibqax marbut li jrid jiġġieled lill-Misilmin; (b) jinfetaħ il-port ta' Malta għall-kummerċ mal-Lvant u b'hekk tistejqer l-ekonomija tal-Gżejjer; (ċ) titwaqqaf Lingwa ġdida biex fiha jidħlu l-Maltin u b'hekk ikollhom sehem fit-tmexxija ta' pajjiżhom.

Ma kienx memorjal magħmul bl-addoċċ. Kien fih bosta nases għall-Ordni tħarislu mnejn tħarislu. Sew jekk Vassalli kien qiegħed tassew jipprova jħabbeb lill-Ordni mal-Maltin (kif jisħaq Panzavecchia) sew jekk kien qiegħed jagħmilha ta' *agent provacateur* u kienet biss mossa politika, l-Ordni qajla seta' jitlob għal did-dispensa u jistenna li jibqa' jżomm l-*istatus* speċjali tiegħu bħala ordni reliġjuż. Meta Spanja talbet lill-Ordni biex ma jibqax iħebb għall-iġfna Torok, l-Ordni wieġeb li ħaġa bħal din kienet tbiddillu għal kollox il-kostituzzjoni tiegħu li kien ħalef li jibqa' jħarisha sa l-aħħar qatra demm. (Arkivji ta' l-Ordni 275, f25r). It-tieni proposta, titwila ta' l-ewwel waħda, kienet bħalha tolqot lix-xeħta ta' l-Ordni fil-laħam il-ħaj, għax jekk biex titwieżen il-Kaxxa ta' Malta li kienet ħerba kellu jsir il-kummerċ mat-Turkija, l-Ordni kien jitlef kull jedd għall-*istatus* tiegħu. It-tielet proposta, x'aktarx l-anqas waħda diffiċli,[53] ukoll dehret iebsa f'għajnejn l-Ordni u jekk Vassalli riedha tkun offerta li ma tistax tintlaqa' kien jaf x'qed jagħmel sew.

Hu x'inhu, jgħarrfuna kemm Panzavecchia kemm Vassallo u m'għandniex xi ngħidu Cremona warajhom, il-memorjal ma ntlaqax u Vassalli seta' b'wiċċu minn quddiem jingħaqad mal-partit Repubblikan u miegħu jdaħħal bosta żgħażagħ li kienu

mxebbgħin bil-ħakma ta' l-Ordni u fl-istess ħin ma ridux jingħaqdu mal-"partiti" l-oħrajn li minnhom min kien irid iġib lill-Ingliżi, min lir-Russja, min lis-Saltna taż-Żewġ Sqallijiet.

Minn dak il-ħin Vassalli sar imsieħeb ħabrieki tar-Repubblikani. Kien donnu sab, fl-aħħar, il-vokazzjoni tiegħu bħala illuminista u bħala intellettwali tabilħaqq. Wara kollox, Madame de Stäel innifisha tammetti li: '*Ce sont philosophes qui ont fait la Revolution*'. (Huma l-filosfi – l-intellettwali – li għamlu r-Rivoluzzjoni).[54]

Waħda mill-ħidmiet li meddew għonqhom għalihom dawn ir-Repubblikani kienet sewwasew ħidma ta' bixra militari li mix-xeħta tagħha kienet marbuta ma' ħidma usa' li kellha twassal għal ħbit fuq l-Ordni li fih jieħdu sehem bosta nies. Billi t-tifkira ta' l-Irvell tal-Qassisin bilfors kienet għadha f'moħħ kulħadd wieħed ma jistagħġibx li fir-rewwixta mistennija kellhom jieħdu sehem mhux il-Maltin biss iżda xi barranin ukoll, fosthom uħud imlaħħqin sew fil-Gvern ta' l-Ordni. Ħadd ma jistagħġeb li dawn kienu l-istess nies li mbagħad fixklu lil Hompesh u ma ħallewhx jilqa' ruħu mill-invażjoni ta' Napuljun u li l-Ġeneral imbagħad raddilhom ħajr għas-sehem li ħadu fil-ħtif ta' Malta.

Fir-rebbiegħa ta' l-1797, jikteb Cremona[55] 'insab li mill-Armerija ta' Ħal Qormi kienu nserqu xi porvli u armi tan-nar. Fuq hekk saret tfittxija sewwa u ġew arrestati xi nies li kienu mdaħħlin fil-konfoffa kontra l-Ordni kif ukoll f'dan is-serq li ġie magħmul bil-ħsieb li jżarmaw l-Artillerija ta' dawk l-inħawi fejn milli jidher kienet se tqum ir-rewwixta.'

F'rapport mibgħut lill-Kardinal Busca mill-Inkwiżitur f'Malta Giulio Carpegna nsiru nafu li wara laqgħa bejn l-Avukat tal-Prinċipat u tliet Kunsillieri tas-Suprem Maġistrat tal-Ġustizzja u żewġ Fiskali tal-Kastellanija l-Ħamis ta' qabel kienu ġew arrestati tmienja min-nies fuq il-konfoffa; fil-jiem ta' wara sfaw arrestati erbgħa oħra[56]; fosthom kien hemm 'żewġ surġenti żgħażagħ tal-Korp tax-Xwieni, żewġ fizzjali baxxi tar-Riġment tal-Kaċċaturi u wieħed li dan l-aħħar ħareġ għad-dawl Grammatika u Dizzjunarju ta' l-Ilsien Malti'.[57]

L-inkwiżitur ħaseb li ma kinitx konfoffa importanti iżda l-Gran Mastru deherlu li kienet u hekk għarrfu meta mar ikellmu. Andrew P. Vella jgħidilna li Carpegna kien anqas effiċjenti minn ta' qablu.[58] Dan kien minnu jew kien jibża' li ma joħroġ xejn minn dawn l-arresti ħlief li jilħaq jinbagħad hu? F'inqas minn sena wara Carpegna rriżenja – donnu ħass li riesaq għawġ kbir – u fil-fatt malli wasal Napuljun, il-Ġeneral Ġakobin żarma l-Uffiċju ta' l-Inkwiżitur f'Malta.

Il-konfoffa tal-Ġakobini Maltin kienet ilha sejra ġmielha għaliex hu u jixhed fl-10 ta' Ġunju 1797, il-Kavalier De Bardonnenche stqarr li sa mit-3 ta' April 1795 l-armier Mikiel Balzan (wieħed mill-mixlija) ma kien taħom l-ebda biċċa arma għat-tiswija u fit-12 ta' Ġunju Marì mart Baskal Felice xehdet li kienet irċeviet mingħand Balzan xkora mimlija bl-azzarini mkissra bħala njam għall-ħruq. (Balzan ngħata l-eżilju għal għomru). Vassalli, meqjus mill-Kummissjoni Ġudizzjarja bħala l-mexxej tal-konfoffa, intbagħat għomru l-ħabs fir-Rikażli.

Billi Vassalli jgħid li dam għaxar xhur magħluq il-ħabs qabel ħarrbitu l-qawwa Franċiża, jidher li ħarrbuh f'Marzu 1798, tliet xhur qabel Napuljun niżel Malta. Il-kliem li juża Vassalli meta jgħarraf biż-żmien li dam il-ħabs huwa sewwasew dan: *'Le citoyen Michel-Antoine Vassalli, auteur d'une Grammaire et d'un dictionnaire maltois (dak iż-żmien ma kinitx 'maltais'), acceuilli par les connoisseurs*[59] *tant nationaux qu'entrangers: persecuté par l'ancien gouvernement pour ses opinion politiques et devoué depuis dix mois à une prison perpetuelle, dont il ne doit la fin qu'à la valeur françoise'*... (dak iż-żmien ma kinitx '*française*' bħal-lum),[60] – (Iċ-ċittadin M.A. Vassalli, awtur ta' Grammatika u ta' dizzjunarju Malti, milqugħ minn dawk li jifhmu, kemm nazzjonali kemm barranin, ippersegwitat mill-Gvern l-antik għall-fehmiet politiċi tiegħu u li qatta' *għaxar xhur* ħabs waqt sentenza ta' ħabs għal għomru li ntemmet biss b'riħet il-qawwa Franċiża').

F'din is-silta tal-Petizzjoni ta' Vassalli ta' Lulju 1798 hemm żewġ punti ta' min wieħed jistħarriġhom. L-ewwel, la Vassalli jgħid li dam għaxar xhur ħabs fir-Rikażli, ifisser li tħarrab qabel ġie Napuljun u bħal Ċensu Barbara, kif itarrfilha Cremona[61] niżel Malta mal-General. Ġiex fuq *L'Orient* jew fuq xi wieħed mill-iġfna l-oħra ma nafux, iżda nafu żewġ ħwejjeġ dwar il-ġifen ewlieni tal-flotta Franċiża[62]: ismu jixhed ir-rabta ma' l-*Orient* tal-Mażunerija u li fuqu kien hemm 150 studjuż bejn xjenzati, poeti u artisti, lkoll imrawmin fl-għerf ta' l-Illunimiżmu li magħhom Napuljun kien jibqa' jiddiskuti, fuq il-gverta, sas-sigħat bikrin tal-għodwiet sajfija hu u jtellaq ma' Nelson fit-tellieqa famuża tagħhom tul il-Mediterran.

It-tieni ħaġa: ta' min wieħed jorbot ħafna fuq il-kelma '*valeur*' li uża Vassalli minħabba li t-tifsira ewlenija tagħha (*force, courage à la guerre*) iktar tirreferi għal azzjoni qalbenija ta' gwerra – bħal ħarba minn taħt imnieħer l-għadu – milli għall-fatt li Napuljun ħa 'l Malta u ħelsu mill-ħabs għax kieku, f'dan il-każ, Vassalli kien (jaqbillu) jirreferi għall-għemil tal-Ġeneral flok ikun vag.

Il-ħarba ta' Vassalli mir-Rikażli għandha l-bixra kollha ta' ħarba mwettqa minn min huwa marbut li jgħin lil min isib ruħu fil-għawġ.

## Żewġ frieghi tad-dawl: is-sabiħ u s-siewi

Iż-żewġ kitbiet li fihom l-aktar li nsiru nafu bil-fehmiet u bl-għanijiet ta' Vassalli huma d-*Discorso Preliminare* u l-kitba magħrufa bħala *Stedina* li ħarġet għad-dawl wara mewtu. Id-*Discorso* jidħol għalih billi jagħmel it-tislima tas-soltu li biha l-kittieb jixtieq '*salute e felicità*' lill-qarrejja tiegħu. Iżda lill-qarrejja li jsejħilhom '*Concittadini*' u l-indirizz huwa '*alla nazione maltese*' – l-ewwel darba li l-Maltin issejħu 'nazzjon' fis-sens li l-kittieb ma riedx ifisser 'pajjiż' jew 'stat' bil-kelma iżda l-poplu.

Imqar il-kelma *'concittadini'* trid tgħaddi mill-għarbiel. Għaliex la l-Maltin kienu għadhom sudditi tal-Gran Mastru li kien ir-ras tal-Prinċipat ta' Malta, wieħed ikollu jieqaf u jistagħġeb kif Vassalli uża t-terminu li uża li bilfors ħadu minn kuntesti barranin fejn l-idea tar-Repubblika kienet xterdet u ħadet is-saħħa.

Kliem ieħor 'tas-seklu' hemm bosta fid-daħla, l-aktar ir-'*ragione*' – wieħed mill-miti tas-seklu [63]. Jekk jistenna li l-qarrejja jagħtu ġudizzju fuq xogħlu jistennieh ikun '*ragionato giudizio*' waqt li dawk li jmaqdruh biex ikunu maqdruh ma jkunx jistħoqqilhom jitrażżnu minn '*ragionevoli risposte*' għax ma jagħtux widen tal-'*uomini ragionatori*' u jsejsu fehmthom fuq ħsibijiet '*privi affatto di ragione, anzi a lei talvolta opposti*'. Jgħid ukoll li qatagħha li ma jweġibx għall-għira ħajjiena jekk kemm-il darba ma jkunux mitbugħin l-'*objezioni nuove e ragionate*' għax billi hu ħareġ fil-beraħ dak li ħaseb u fassal, '*ragion vuole*' li l-objezzjonijiet għal xogħlu jkunu mitbugħin ukoll ħalli mbagħad kulħadd ikun jista' jgħaddi l-gudizzju tiegħu.

Vassalli jisħaq li qabel xejn wieħed ried jifhem l-għan li għalih huwa mmirat xogħlu, jaqra kollox iżda fuq kollox id-'*Discorso preliminare e ragionato*' li kien se jqiegħed qabel id-Dizzjunarju. Imbagħad iċanfar lil dawk li dejjem żammew il-Malti bħala mhux siewi, iżda issa li qed juri s-siwi li kellu b''*modi i più chiari e ragionati*', min imur kontrieh ikun jew imħerwel jew jobgħod il-ġid tal-poplu: '*l'opporvisi o è un assoluto delirio, od uno sfacciato odio del ben pubblico.*' Hawnhekk jasal għal reġunament (dil-kelma tista' tittieħed f'kull tifsira, kemm tal-lum kemm dik settecenteska) li juri l-fehma Illuminista tiegħu: '*Gli uomini giusti, saggi, e filantropi non cercano altro che la verità, e l'essere istruiti; e quando mai si mettessero a criticare, solo il fanno per isvilupparla, e metterla in chiaro aspetto, e non già per mera vaghezza di opporre.*' Il-'*metterla in chiaro*' huwa sewwasew dak li Kant jifhem b' 'Aufklärung'.

Imqar meta jkun qed jirraġuna (it-tifsira issa hija tal-lum) biss, Vassalli jinqeda bit-termini in voga: '*perchè ò tutto il piacere di essere illuminato, ed ò il diritto di essere informato*'. Għad li qiegħed jinqeda bil-frażi għall-għan ristrett li jilqa' ruħu mill-kritika (li ma jħosshiex xierqa) Vassalli jinqeda bi frażijiet li jieħdu saħħithom mill-miti tas-seklu. Meta wieħed jaħseb ftit jista' jasal biex jgħid li għandu mnejn Vassalli ma kienx qiegħed juża l-frażi mitika kif ġie ġie, iżda qed jużaha b'għan għaliex, għalih, min iċaħħad lill-poplu minn dak li għalih huwa għerf veru jkun qiegħed jagħmel ħsara kbira li jistħoqqilha ċ-ċanfira tal-frażi fit-tifsira gravi kollha tagħha.

Vassalli jibqa' jisħaq għaliex ma jkunx lest iħalli kritika mhix xierqa għaddejja. Isemmi t-taħbit kollu li tħabat biex ġabar il-kliem kollu tal-*Lexicon* u jsib it-tifsiriet veri u sħaħ tiegħu: għalhekk min ifettillu jgħaddi ġudizzju fuqu jrid ikollu l-istess għodda setgħana li nqeda biha hu. Fuq kollox, iħossu zgur li fir-'ragionamenti' li ġejjin kellu jgħib kull tfixkil, kull dubju, kull objezzjoni fid-deher. Kull min jaqra sew dak li kiteb kellu jintebaħ kemm '*ragionati siano la condotta, il metodo a ciascun passo mio nell'illustrare la Lingua Nazionale.*'

Ir-raġunijiet ifissirhom fid-*Discorso* nnifsu fejn juri kemm il-Malti huwa sabiħ u siewi. Jiftaħ id-*Discorso* billi juri t-trawwim tal-Malti bħala parti mill-ħidma tas-seklu li tant wettaq xogħol f'oqsma tax-xjenzi li '*quasi non restano fra di esse più dipartimenti da illustrare*'. Imbagħad jgħid li mill-Għarbi sab differenza kbira bejn iż-żewġt ilsna u dan ġagħlu jistudja ilsna orjentali oħrajn, l-aktar, dawk qraba u jixtiebhu.

Bħala Illuminista u neo-klassiċista Vassalli ried iħaffer aktar fil-fond u jsib nisel il-Malti fl-ilsna l-qodma. La l-Malti ma kienx ġej mill-Latin jew mill-Grieg kien ġej mill-Feniċju, ilsien nies qodma daqs ir-Rumani u l-Griegi, li wara kollox kienu jgħixu hawn Malta, tawha isimha u semmewha bosta drabi, u l-istudjużi ta' qablu, kemm l-istoriċi kemm il-filoloġi kienu jħaddnu din il-fehma. Iżda bid-differenza ta' Agius de Soldanis, li jgħidilna ċar u tond li ma kienx imħarreġ biżżejjed f'senegħtu, bil-għan li joħloq '*Ortografia ragionata*', ħadem u bil-għaqal fl-għalqa ta' dan l-ilsien qadim Feniċju – monument li tiegħu l-Maltin u l-Għawdxin kienu l-'*ingenui depositarj*'. L-għan tiegħu hu'*parlare e ragionare di lei (la lingua) e con più chiarezza dissertare delle sue qualità e vicende*'.

Jekk l-Illuminizmu ġiegħel lill-arkeoloġi jmorru jħaffru u jiskavaw fil-qedem ta' l-Eġittu u tal-qrib[65] lil Vassalli jħajru jfittex fl-ilsna orjentali l-qodma sabiex isib nisel il-Malti. Huwa jistqarr li ma jqisx ruħu bħala xxurtjat jekk barra milli jirnexxilu jsib il-prinċipji mhux magħrufa ta' lingwa mhux imħarsa u antika, ma jirnexxilux ukoll idaħħal f'Malta kors nazzjonali ta' studji bil-mezz żgur ta' lsien il-poplu li hu l-għodda waħdiena biex jinkiseb għarfien ta' l-ilsna barranin u mbagħad id-dawl fejjiedi tax-xjenzi.

Vassalli jħoss li b'ħidmietu l-Maltin ta' żmienu u dawk ta' warajhom kellhom jifhmu kemm il-ġmiel kemm is-siwi tal-Malti. Kulma riedu jagħmlu kien li 'jeżaminaw ir-raġunamenti li ġejjin biex isawru idea aktar ċara u jħaddnu l-pjan raġunat'. Imbagħad waqt li jistagħġeb kif lingwa daqshekk qadima u erudita kellha tibqa' nieżla sa żminijietna fost nies li l-kotra l-kbira tagħhom bla tagħlim u fiċ-ċokon ta' gżejjer hekk żgħar u li sabiex isibilha nisilha ried imur għall-ewwel żmien tal-Malti u jistħarrġu f'dik l-għamla bikrija.

Vassalli jistqarr li l-ġrajja ta' lsien hija marbuta mill-qrib mal-ġrajja tan-nies li jitkellmuh. Għalhekk iħares lejn is-sensiela ta' ġnus li għammru Malta. Jibda mill-Feniċji u jgħid dak kollu li kien magħruf dwarhom fi żmienu u jsostni li huma tħalltu man-nies bikrin li kienu jgħammru f'Malta tal-qedem, tawhom ilsienhom li mbagħad tħallat ma' l-Għarbi meta Malta għaddiet f'idejn l-Għarab. Huwa jammetti li l-Għarab żiedu għadd kbir ta' kliem fil-Malti Feniċju iżda huwa għarbel il-kliem kollu Malti li kien fl-użu u sab li bosta minnu kien għadu ġej mit-taħdit tal-Feniċji li kienu ġejjin mill-Lvant u għalhekk kellhom kliem mill-Kaldajk, mis-Sirjakk u mill-bqija tat-taħdit fl-art ta' Kangħan.

Minn dan l-eżerċizzju twil fil-filoġija jew lingwistika dijakronika jgħaddi għal eżerċizzju sinkroniku, tassew interessanti għalina. Huwa jaqsam id-'djaletti' tal-Malti f'ħamsa: l-Ilsien tal-Bliet, dak ta' Għawdex, tar-rħajjel t'isfel, tar-rħajjel ta' fuq u tar-rħajjel tan-nofs. Dawn jingħażlu minn xulxin bil-pronunzja jiġifieri mill-ħsejjes, jew konsonanti, jew vokali jew mit-tnejn.

Vassalli jgħaddi mbagħad għal taħdita li jistħoqqilha eżami mill-qrib mhux biss għax turi l-ħerqa li kellu għall-Malti – ħerqa dejjiema li kellha tibqa' miegħu sa l-aħħar – u għat-tagħlim ta' l-ilsien nazzjonali, iżda għax turih jagħmel raġunament fl-aqwa tradizzjoni illuministika.

Qabel jidħol fl-argument ewlieni tiegħu, Vassalli jsemmi l-fatt li kien qed iseħħ fi żmienu fil-peniżola Taljana, jiġifieri l-ħarsien tad-djaletti fid-dawl tal-għerf illuministiku[66]:'*nell'Italia anche i dialetti si scrivono per se e si coltivano. Il Napoletano, il Calabrese, il Bolognese, il Veneziano, così il Sardo, il Siciliano si scrivono a parte; e di più la poesia vi spicca in tutti a meraviglia.*'

Vassalli jħaqqaqha hekk: jekk id-djaletti ta' l-Italja, fosthom dak ta' Ragusa, jingħataw importanza mil-letterati, għaliex il-Malti le? M'għandniex xi ngħidu Vassalli jibqa' ma jsemmix id-diglossija li kien joħloq malli l-Maltin tisma' minnu u tibda tħaddem il-Malti flimkien mat-Taljan. Wisq u wisq inqas ma jidħol fl-argument ta' x'kellu jfisser it-Taljan (it-Toskan) għall-Italja magħquda, sewwasew għaliex din l-għaqda kienet għadha 'l bogħod u teżisti biss f'moħħ dawk li kellhom jiġu wara żmienu. Il-qasma bejn ta' żmienu, b'għeruqhom fis-*settecento* u dawk ta' wara, b'għeruqhom fil-*primo ottocento* tinsab sewwasew hawnhekk. U hija din raġuni oħra għaliex min qed jikteb jagħżel aktar li jara lil Vassalli bħala Illuminista u Neo-klassiċista milli bħala Romantiku għad li fis-snin ta' wara l-fehmiet ta' Vassalli tħaddnu, trawmu, isseddqu u tħaddmu mir-Romantiċi li għandhom mnejn, anzi x'aktarx, ħaddnuhom fuq l-eżempju tar-Romantiċi Taljani u mhux b'wirt mingħandu.

Imbagħad Vassalli jibni raġuni fuq oħra għall-ħtieġa ta' trawwim l-ilsien nazzjonali. Huwa jaqbel ma' Locke u l-ħassieba l-oħra ta'warajh li s-sedqa ta' nazzjon tinsab (1) fit-tagħlim, jew l-edukazzjoni mnejn toħroġ ix-xeħta morali tagħha; (2) fil-prudenza u l-politika nazzjonali li troddha dħulija u ta' mġiba tajba u dejjem moħħha fil-ġid komuni; (3) fit-trawwim ta' l-arti u tax-xjenzi għax b'dawn jintraqmu l-oħrajn u b'hekk tiżdied il-ħidma tan-nazzjon u tal-kummerċ; (4) fl-għarfien u l-ħarsien tal-liġijiet li jżommu l-istat fis-sliem u b'hekk joħolqu l-hena u s-sigurtà tal-bniedem. Iżda, huwa jisħaq, xejn minn dan ma jista' jinkiseb mingħajr l-għajnuna ta' l-ilsien nazzjonali miktub u mħaddem għax hu l-għodda ewlenija tas-socjetà u l-mezz waħdieni li bih tikkomunika n-nies. Minn hawn ġej li fejn ma jitrawwimx u ma jinkitibx l-ilsien nazzjonali, il-ġens li jitkellmu qatt ma jista' jilħaq il-quċċata tat-twarrid u tas-sedqa tiegħu.

Mill-qasam tat-tagħlim Vassalli jgħaddi għal dak tal-liġi. Jitlaq mill-premessa li l-liġi ssir għas-salvezza taċ-ċittadini, għas-sigurtà tas-soċjetà u sabiex il-bnedmin jgħixu sielma flimkien skond kliem Ċiċerun fid-*De Legibus* li huwa jislet. Iżda mbagħad jistaqsi: kif tista' l-liġi tilħaq għanha jekk ma titwassalx lill-poplu bl-ilsien li jifhem? Biex tinftiehem b'liema lsien trid issir? Bil-Latin? Bit-Taljan? Tweġibtu:'*Nò, certamente, e di tale assurdo ci convince il solo pensarci.*'

Minn hawn jibda jislet kliem Cesare Beccaria[67] l-aqwa Illuminista Taljan bla ma jsemmi u la ismu u lanqas isem il-ktieb tiegħu *Dei delitte e della pene*, għad li jsemmi isem wieħed mill-kapitli li minnhom jislet. (Tgħid għaliex Beccaria kien magħruf biżżejjed mill-qarrejja ta' Vassalli jew għax kien ħareġ il-ktieb anonimament?)

Vassalli għoddu jislet żewġ paragrafi sħaħ mill-kapitlu *Oscurità delle Leggi* ta' Beccaria għaliex fihom jilmaħ is-sies tar-raġuni għaliex għandu jkun mgħallem ilsien il-poplu: 'Jekk l-interpretazzjoni tal-liġijiet huwa ħażen, jidher ċar li ħażen ieħor

huwa dak ta' l-oskurità li bilfors li jkaxkar mieghu l-interpretazzjoni u jkun akbar jekk il-liġijiet ikunu miktubin f'ilsien barrani għall-poplu, li jġagħlu jrid minn ftit uħud billi ma jkunx jista' jagħraf hu x'għandu jkun ir-riżultat tal-ħelsien tiegħu jew ta' niesu; f'ilsien li jagħmel minn ktieb solenni u pubbliku tista' tgħid ktieb privat u domestiku.'[68]

Vassalli jimxi mar-raġunament ta' Beccaria: 'Akbar ma jkun il-għadd ta' dawk li jifhmu u jkollhom f'idejhom is-sagru Kodiċi tal-Liġijiet anqas ikun il-għadd ta' ksur il-liġi għaliex ma hemmx dubju li l-injuranza u l-inċertezza tal-piena jgħinu t-tkattir tal-ġibdiet ħżiena.' U mbagħad jasal mieghu għall-konklużjoni: 'Li mingħajr kitba[69] soċjetà ma tikseb qatt għamla fissa ta' gvern, li fih il-qawwa tkun l-effett tal-kollox u mhux tal-biċċiet u li fih il-liġijiet li ma jinbidlux jekk mhux bir-rieda ta' kulħadd, ma jisfawx imħassrin minħabba l-kotra ta' l-interessi privati. It-tiġrib u r-raġuni mrawma li l-ħsieb u s-saħħa tat-tradizzjonijiet tal-bniedem jonqsu skond kemm jitbiegħdu mill-għajn. Li jekk ma jkunx hemm mafkar qawwi tal-patt soċjali kif se jiflħu jilqgħu ruħhom il-liġijiet mill-qilla li ma tistax titwarrab taż-żmien u tal-ġibdiet ħżiena!'

Vassalli jfisser sew kliem Beccaria u jdaħħlu bis-sħiħ fil-kuntest Malti. Fl-għeluq tal-kapitlu ta' qabel, Beccaria jikteb hekk: *'Questi principii spiaceranno a coloro che si sono fatti un diritto di trasmettere agl'inferiori i colpi della tirannia che hanno ricevuto dai superiori. Dovrei tutto temere se lo spirito di tirannia fosse componibile collo spirito di lettura.'*

M'hijiex ħaġa ħafifa nkunu nafu Vassalli kienx qiegħed jissogra hu wkoll bħal Beccaria. Ma nafux, għaliex De Rohan donnu obda lil Beccaria u meta ħareġ il-*Codice* ħarġu bit-Taljan u mhux bil-Latin. Iżda din il-mossa jekk tittieħed fil-kuntest Malti terġa' turi lil De Rohan sieħeb it-'*tirannelli*' li ħadha kontriehom Beccaria. X'kien il-ħsieb ta' De Rohan? Li l-liġijiet tiegħu jkunu bil-'*lingua nazionale*'? Jekk kien jgħodd it-Taljan bħala tali, kien qed jimxi fuq il-pariri ta' Beccaria, jekk uża t-Taljan minkejja li kien jaf li l-Malti kien il-'*lingua nazionale*' allura kien qed jimxi ta' dittatur mhux biss fil-liġijiet iżda wkoll fil-lingwa li bih inkitbu. Li nafu fiż-żgur hu li l-Knisja li tassew riedet tilħaq lill-poplu ħarġet il-*Compendiu tal Tagħlim Nisrani* bit-Taljan u bil-Malti.[70]

Vassalli jisħaq li l-oqsma kollha tal-ħajja Maltija, l-aktar dawk tal-kummerċ u l-interessi tan-nazzjon jiġu ddisturbati billi ċ-ċittadin ma jkunx jaf sew x'qiegħed jiġri madwaru u x'qiegħed jagħmel hu fihom. U kemm, jgħid, titnaqqas ħsara kieku wieħed ikun jaf x'qiegħed jagħmel sewwasew. Hawnhekk jorbot ma' kliem Beccaria li jerġa' jislet minnu, did-darba mill-kapitlu ta' qabel ta' l-aħħar[71] u jgħid minnufih: '*È meglio prevenire i delitti, che punirli*' – l-ewwel vers tal-kapitlu.

Did-darba jagħmel sinteżi tal-kapitlu li kif jinnotaw il-kummentaturi ta' Beccaria fih huwa nnifsu kemm-il allużjoni għal Rousseau. Bi qbil ma' Beccaria Vassalli jisħaq li l-għan ewlieni li għandu jkollu kull leġislatur tajjeb hu u jsawwar il-liġijiet huwa li jipprevjeni d-delitti aktar milli jikkastigahom għaliex, u hawn jerġa' jidħol wieħed mill-prinċipji ta' l-Illuminiżmu, din hija l-arti ta' kif jitmexxew il-bnedmin lejn il-quċċata tal-hena, jew għall-inqas kejl ta' nuqqas ta' hena.

Fost il-mezzi biex wieħed jipprevjeni l-ksur tal-liġi, l-ewlieni huwa li jsiru liġijiet ċari u sempliċi. Vassalli hawnhekk jieqaf u istaqsi: 'Tista' din iċ-ċarezza tinkiseb mingħajr il-lingwa tiegħu, li għall-poplu, li għalih issir il-liġi, hija l-aktar waħda magħrufa fost kollha?

Mezz ieħor, iżid jgħid Vassalli, huwa li jinxteħet dawl u għarfien fuq il-ligijiet kemm jista' jkun: iżda dawn id-dwal jistgħu jinkisbu mingħajr il-'lingua nativa' li hi biss tista' twassalhomlna?

Xħin iħoss li kkonvinċa lill-qarrejja kolti tiegħu mill-ħtieġa u s-siwi tal-Malti fil-ġlieda kontra l-ksur tal-liġi jgħaddi biex jitkellem dwar il-mod u l-metodu kif kellha titrawwem il-lingwa Maltija. Mill-ġdid jerġa' jsemmi n-nisel Semitiku tal-Malti u l-qrubija tiegħu ma' l-ilsna Semitiċi l-qodma[72], imaqdar lill-kittieba ta' qablu li ma tawx ortografija xierqa lill-Malti għax ma qisulux nislu u jgħid għaliex jaħseb li l-ortografija li kien iressaq hu kienet se tiswa mitqilha deheb għall-kitba tal-Malti.

Għat-tmexxija 'l quddiem ta' l-Ilsien Malti Vassalli jgħid li xtaq jara letteratura Maltija titwieled l-ewwelnett bil-kitba ta' xogħlijiet oriġinali u t-tieni permezz ta' traduzzjonijiet l-aktar mill-ilsna l-qodma orjentali. Fuq kollox, kiteb, il-Poeżija kienet tagħti sehem lit-trawwim tal-Malti.

Imbagħad, fl-aħħarnett jgħaddi sabiex iressaq Proġett li fil-fehma tiegħu kien '*facile ed eseguibile*'. Tlieta huma l-punti ewlenin ta' dan il-Proġett:
(a) is-sistema tat-tagħlim li kien hemm fi żmienu kellha tinbidel u kull tagħlim kellu jibda bit-tagħlim tal-Malti; (b) kellhom jinfetħu skejjel pubbliċi f'Malta u f'Għawdex li fihom it-tfal ikunu jistgħu jitgħallmu jiktbu u jaqraw bil-lingwa nazzjonali, jitgħallmu l-aritmetika u ħwejjeġ oħra l-aktar li kellhom x'jaqsmu mad-duttrina Nisranija, il-kuntratti, l-ittri u ħwejjeġ bħal dawn. La darba jitgħallmu bil-lingwa tagħhom jitgħallmu mbagħad l-ilsna l-oħrajn, bil-Latin u bit-Taljan u wkoll ix-xjenzi; (ċ) dawn l-iskejjel kellhom ikunu 'l barra mill-Università u mis-Seminarju u jkunu jistgħu jintlaħqu minn kulħadd u jkollhom għalliema skond il-popolazzjoni tal-belt jew raħal. Fil-kapitali jkun hemm erba' skejjel, waħda jew tnejn Bormla, u waħda f'kull imkien li ġej: il-Birgu, ż-Żejtun, iż-Żurrieq, Ħaż-Żebbuġ, Ħal Qormi, Birkirkara, Ħal Lija (li tlaħħaq ukoll ma' Ħal Balzan u Ħ'Attard), in-Naxxar, ir-Rabat; f'Għawdex, tnejn ir-Rabat. Dawn is-sbatax jew tmintax-il skola jkollhom għalliem viċi-għalliem u ajjutant-għalliem kull waħda. Il-Furjana, Ħaż-Żabbar, is-Siġġiewi, il-Mosta u kull imkien ta' popolazzjoni żgħira jkun hemm għalliem u ajjutant. F'imkejjen inqas ippopolati bħal Ħal Għaxaq, Ħal Tarxien, Ħal Luqa, Ħal Għargħur, il-Qrendi, l-Imqabba, l-Għarb u n-Nadur f'Għawdex ikun hemm għalliem għal kull post. B'kollox ikunu meħtieġa madwar tletin għalliem, għoxrin ajjutant u minn sittax sa tmintax-il viċi-għalliem. Il-klassijiet setgħu jsiru fil-bosta kappelli li kien hemm imxerrdin ma' Malta u Għawdex u n-nefqa tat-tagħlim setgħet tintlaħaq billi jsir Fond Pubbliku f'kull qasam tal-pajjiż jew jinħarġu erbgħa fil-mija mill-ġid tal-Knisja f'Malta.

Il-Konklużjoni li jiġbed fl-aħħar hija qasira iżda interessanti ħafna. Jgħid Vassalli: '*L'aver un male e non poterlo conoscere è un gran danno; il conoscerlo e non saper il rimedio é una pena, che mette l'uomo nell'ansietà di saperlo: ma il conoscere*

*il rimedio al male, e non proccurarlo è un male maggiore del male istesso. Che si dirà poi di chi conosce il male, sa ed à fra le mani il rimedio; e frattanto trascura di opponerlo?'*

Bejn wieħed u ieħor, dan l-għeluq li jidwi mhux biss il-fehmiet illuministi iżda wkoll l-istil tagħhom, huwa sejħa għar-raġuni li fid-dawl tagħha l-bniedem, li huwa minn naturtu tajjeb, huwa mistenni jiftaħ għajnejh u jieħu l-parir siewi li jingħata. L-ottimiżmu, essenzjalment Illuminista, ta' Vassalli ma kienx għal kollox barra minn loku. Għad li ma ngħatax widen fi żmienu, bosta minn dak li saħaq fuqu ġie mismugħ u mwettaq. Iżda kellhom jgħaddu bosta snin, kellu jsir bosta ġlied, qabel ma ntlaħaq ftehim fost il-Maltin infushom fuq is-siwi ta' fehmietu.

Iżda biex jipprattika dak li ppriedka hu nnifsu kellhom jgħaddu bosta snin. Wara li ntbagħat il-ħabs minħabba l-konġura kontra l-Ordni u wara li ġie Napuljun u warajh l-Ingliżi li eżiljawh, Vassalli dam ma reġa' rifes Malta sa l-1820. Il-bijografi tiegħu jgħidulna li ġie lura bniedem għajjien; Cremona jisħaq li mnalla sab hawn Malta lil John Hookham Frere. Kif iltaqa' ma' dan l-għaref li ġie Malta minħabba saħħet martu u wara karriera inizjat fil-korp diplomatiku u kien għamel isem fil-qasam letterarju ta' l-ewwel filliera fl-Ingilterra?

Nafu fiż-żgur li Hookham Frere ġie iniżjat fil-*Lodge of St John and St Paul* li kienet fi Triq Nofsinhar fi-27 ta' Jannar 1822[73] u x'aktarx bis-saħħa tiegħu bħala bniedem influwenti u ta' fama, il-Loġġa li l-laqgħat tagħha kienu ġew, għal ftit, sospiżi, reġgħu bdew isiru.

Iżda l-ewwel Loġġa li nfetħet f'Malta fi żmien l-Ingliżi kienet dik li nfetħet fl-Imdina fl-1811 bl-isem ta' *Les Amis en captivité* minn erbgħin priġunier tal-gwerra Franċiż. Din il-Loġġa 'Franċiża' ftit wara ħadet kostituzzjoni Ingliża. Il-'perċezzjoni' fost imkejjen qrib il-Mażunerija hija li Vassalli għandu mnejn issieħeb ma' din il-Loġġa malli reġa' lura Malta.

Nafu wkoll li Hookham Frere kien il-President tal-Kunsill ta' l-Università u li b'deċiżjoni tal-21 ta' Frar 1825 Vassalli nħatar l-ewwel Professur tal-Malti f'Mejju ta' dik is-sena u l-paga ħariġhielu Frere minn butu.[74] Fl-istess snin sar midħla wkoll tar-Reverendu W. Jowett, korrispondent taċ-*Church Missionary Society* u aġent tal-*British and Foreign Bible Society* li qabbdu jaqleb il-Vanġeli għall-Malti. Jowett kif iltaqa' ma' Vassalli?

F'taħdita li għamel fl-Università fl-1975 Dun Karm Sant wieġeb hekk: 'Kif iltaqa' miegħu ma jgħidx ħlief li kienet "a curious way". Għandu mnejn introduċihulu John Hookman Frere li kien il-protettur ta' Vassalli u president tal-Kunsill ta' l-Università; aktar minn hekk ma nistgħux ngħidu.'[75]

Waqt li Jowett kien ferħan li kiseb traduttur hekk tajjeb u sa mill-1823 kien isus warajh biex jaħdem ħalli jistampa l-Vanġeli, Vassalli kien jisħaq li l-ewwel kellhom jistampawlu l-Grammatika u kotba oħra lingwistiċi. Hemm min irid jimplika li Vassalli qaleb Protestant għax uliedu trabbew bħala Protestanti. Ta' din il-konverżjoni ma hemm l-ebda prova. Anzi kull ħjiel storiku li għandna juri l-maqlub ta' dan. L-ewwelnett, it-traduzzjoni Vassalli għamilha mill-*Vulgata* u mhux mill-*Authorized King James Version.* Jista' jkun li dan il-Protestanti għamluh għaliex il-Gvern Ingliż

ma riedx jikser kelmtu mal-Knisja Kattolika li l-Kattoliċeżmu f'Malta ma jintmessx. Il-fatt hu, iżda, li meta bin Vassalli, Grabiel, ħareġ *Il Aaqda il-Jdida ta Sidna Jesu' Kristu mijyba mil Inglis* (1847) din kienet traduzzjoni mill-Authorized King James Version. Dun Karm Sant ma jaħsibhiex darbtejn biex jgħid: 'Meta daħal Vassalli l-iskop ewlieni kien li jikkoltiva l-Malti bħala mezz ta' edukazzjoni popolari.'[76]

Mill-korrispondenza (li saret wara dahar Vassalli) bejn Jowett u s-superjuri tiegħu f'Londra jidher li 'l Vassalli kienu jqisuh biss bħala traduttur imħallas u mhux bħala wieħed minnhom. Li kien qaleb Anglikan, Jowett li kiteb biex juri l-ferħ tiegħu li sab traduttur aħjar minn ta' qablu żgur kien iżid jifraħ li qaleb għal magħhom wieħed mill-egħref nies ta' Malta wkoll. Terġa', jżid jgħid Dun Karm Sant, 'Meta (r-Rev) Schlienz ħa t-tfal ta' Vassalli f'idejh biex iħarriġhom f'evanġelisti Protestanti ma għarrafhomx b'dan il-ħsieb.'[77] Ma għarrafx lill-aħwa żgħar Vassalli aħseb u ara kemm għarraf lil missierhom u ħa l-kunsens tiegħu.

Ulied Vassalli għaddew f'idejn Schlienz u sħabu għaliex Hookham Frere hekk ħaseb li l-aħjar isirilhom sabiex ikollhom min imantnihom u jrabbihom? Hekk donnhom juru l-ġrajjiet imnikktin ta' l-aħħar jiem ta' Vassalli li, fqir kif kien, lanqas kellu biex jindifen. Hawn ukoll irridu nieqfu ftit biex nistaqsu: m'hijiex din prova oħra tar-rabta 'aħwija' bejn Vassalli u Frere li bħala Mażun kellu d-dmir jieħu ħsieb il-familja ta' wieħed mill-'aħwa'?

M'għandniex xi ngħidu, meta Frere ra li l-Knisja Kattolika ma riditx tidfen lil Vassalli – għal liema raġuni sewwasew ma nafux, kulma nafu li daru kienet imniżżla bħala 'casa sospetta'[78] għand il-kappillan li kien jagħmel mill-inħawi – ma ħass l-ebda tingiż tal-kuxjenza li lil uliedu jħallihom f'idejn il-Protestanti biex jgħallmuhom huma. Wara kollox hu nnifsu kien Protestant u żgur li ma kien jara xejn ħażin fi trobbija ta' dik ix-xorta. Iz-'zeloti' ta' Schlienz, imbagħad, inqas u inqas ma kienu jaraw xejn ħażin f'din il-ħaġa, jiġifieri li wlied bniedem Kattoliku jew għall-inqas imwieled Kattoliku, itellagħhom bħala Protestanti. Il-missjoni tagħhom kienet li jdawru lill-Maltin u lin-nies kollha tal-Mediterran, kemm Insara Kattoliċi jew Ortodossi, kemm Misilmin għall-Kristjaneżmu msejjes fuq il-Bibbja.

Mix-xogħlijiet li ħarġu mill-pinna ta' Vassalli u ġew mitbugħin miz-zeloti Evanġeliċi, jidher ċar li Vassalli baqa' bl-istess fehmiet u għanijiet edukattivi li kellu qabel bid-differenza li meta ħareġ it-tieni edizzjoni tal-*Grammatica* fl-1827 ma baqax jinsisti fuq in-nisel Feniċju tal-Malti.[79] Huwa baqa' jinsisti li l-poplu kellu jimxi 'l quddiem bit-tagħlim tal-Malti. Bl-istess fehma ħareġ il-*Motti, Aforismi e Proverbii Maltesi* fl-1828 u l-istess fehma dehret ukoll wara mewtu meta ħarġulu mhux biss it-traduzzjoni tal-*Vanġeli* iżda wkoll it-traduzzjoni *Storja tas-Sultan Ciru mohuda myr-Rollin* fl-1831.

Vassalli, kif nafu, miet ta' fuqu senduqu. Meta ħbiebu raw li l-Kappillan ma riedx jifdnu f'art Kattolika għad li qatt ma sar Protestant[80], ħasbu biex jagħtuh difna suret in-nies u mhux f'xi mkien imwarrab bħallikieku kien xi bhima. Fejn difnuh? Cremona jgħid li difnuh f'midfen ta' l-Ingliżi li jħares lejn Lazzarett[81]. Huwa magħruf ukoll li hemm erbat oqbra fin-naħa Massonika tal-midfen Protestant li huma bla isem.

Lil Vassalli qatt m'għamlulu l-monument li Schlienz82 jgħid li kien beħsiebu jagħmillu. Huwiex Vassalli midfun f'wieħed minn dawk l-erbat oqbra bla isem se tibqa' mistoqsija bla tweġiba ċerta.

Li huwa ċert, u mingħajr l-iċken dell ta' dubju, huwa li bħall-Illuministi kollha, Vassalli kellu l-ħrara li jgħolli lill-poplu l-umli u jwasslu biex ikun hu s-sultan ta' pajjiżu. Bħall-Illuministi kien jemmen fit-tjubija mitwielda tal-poplu – twemmin li jaqbel mal-ħarsa fiduċjuża li r-rinnovaturi tas-Seklu tad-Dawl kienu jitfgħu fuq l-umanità u jarawha bħala f'sikkitha, l-aktar fostha lill-umli għax huma l-eqreb tan-natura.

Permezz ta' Vassalli Malta ssieħbet, għall-inqas moralment, fl-Illuminiżmu li ħakem lill-Ewropa u ħariġha mid-dlam tal-Fewdaliżmu. Biż-żmien tagħlim Vassalli qabad l-art u minn għeruqu xxittlet siġra li kibret fil-ġnien intellettwali tal-Punent.

1. A. Cremona, *Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu*, Malta, 1937.
2. Ngħidu aħna l-Metodisti kienu meqjusin bħala 'entużjasti' minħabba fil-ħidma ħerqana tagħhom biex iwebblu lin-nies jemmnu bħalhom. Bħalhom kienu l-missjunarji Protestanti li ġew Malta, iżda, meta kif se naraw, il-klima kienet daret favurihom għall-inqas fl-Ingilterra. Ara: David Wardle, *English Popular Education*, 1780–1975, Cambridge 1977, p.5.
3. O.Friggieri, *It-Tnissil ta' Kuxjenza Nazzjonali Maltija*, Il-Malti, 1990.
4. Kien dan li donnu ħajjar lil Dun Karm iqim lil Vassalli minkejja t-tagħjir kollu mingħand l-għedewwa tal-Malti, sewwasew meta ra lit-Taljani jqimu lil Foscolo (li tiegħu qaleb *I Sepolcri*), ruħ tewmija ma' Vassalli, li għad li spirtu preromantiku, kiseb għarfien ukoll mir-Romantiċi tar-Risorġiment Taljan bħala 'eroj tagħhom'. F'*La Cultura Italiana a Malta–Dun Karm*, (Firenze,1978) Friggieri jsejjes it-tagħrif tiegħu fuq l-allegorija *Il-Leġenda tas-Sepolcri* li fiha Dun Karm juri l-għożża tiegħu għall-Italja ta' Foscolo fi żmien meta ma setax ikun favur il-Malti u l-Italja fl-istess ħin minħabba fl-injuranza tal-politiċi u l-bigottiżmu tal-polarizzazzjoni politika. Dun Karm u Vassalli t-tnejn kienu jafu t-Taljan sew. Anzi t-Taljan mill-aqwa li jiża Vassalli fi żmien meta l-kotra l-kbira tat-Taljani ma kinux jafuh għad irid jiġi studjat u mogħti l-ħaqq li jixraqlu.
5. '*Beantwortung der Frage: Was Ist Aufklärung*' (Tweġiba għall-mistoqsija: x'inhu l-Illuminiżmu) – *Berlinische Monatschrift*, Dicembru 1784.
6. Magħruf bħala l-*Lexicon* (1796).
7. "It-trawwim ta' l-ilsien li jittieħed mill-omm huwa mmela meħtieġ l-ewwelnett għat-tagħlim. Dan hu l-għan ewlieni li għandu jkollha nazzjon, għaliex fuqu jistrieħ l-hena ta' kulħadd."
8. Din l-*Istedina* miktuba xi sena qabel mewt Vassalli dehret bħala mudell ta' kitba Maltija fl-ittra ta' George Percy Badger, *A Letter on the Eligibility of the Maltese Dialect as a Written Medium of Instruction in the Government Primary Schools addressed to His Excellency Sir H.E. Bouverie*, Malta, 1841.
9. Il-kelma *philisophes* ma kinitx tabilfors tfisser 'filosfi' iżda 'intellettwali'. M'għandniex xi ngħidu, fost il-*philosophes* kien hemm xi filosfi wkoll.
10. John Locke (1632–1704), filosfu u għalliem, kien l-aqwa teoriku tal-Liberaliżmu u l-empiriżmu Ingliż. Huwa ċaħad it-teorija ta' l-ideat mitwielda mal-bniedem għax kien jemmen li kollox ġej mill-esperjenza li jġarrab il-bniedem matul ħajtu.
11. F'ittra mibgħuta minn Bolingbroke lil Voltaire fis-27 ta' Ġunju 1724, insibu sewwasew hekk: "Jekk inti taqra l-*Essay on Human Understanding* tkun qed taqra ktieb, li fil-fehma tiegħi għandu l-akbar ħila li jagħmel kontribut għal dak il-għarfien."
12. Vassalli tgħallem l-Għarbi għand Dun Giuseppe Calleja ta' Ħal Tarxien u fl-1785 kien wieħed fost l-erba' rebbieħa tal-kors, ara: Frans Ciappara: *Mikiel Anton Vassalli – A Preliminary Survey, Melita Historica*, Nru 2, 1989, pp.145–156.

13. *Mylsen phoenico-punicum sive grammtica melitensis*, Ruma, 1790.

14. Ara: *Memorandum from the Malta Labour Party to the Commissioners appointed by His Majesty the King to examine and report upon the Political Situation in Malta,* iffirmat minn P. Boffa Chairman u B. Bencini, *General Secretary fil-25 ta' April 1931: 'In the view of the Malta Labour Partu the main cause of the extreme political bias which characterises certain public men and which induces parties and individuals to act in a way which would seem spiteful and even ridiculous in more politically advanced countries is the Language Question. The Italian in Malta is only an instrument of class domination much in the same way as the French Language was in England when the Norman rulers maintained their domination over the Anglo-Saxon masses through the use of that Language...it is high time a remedy was found whereby the people of these Islands were given free and unfettered opportunity to develop their nationality through their own language without the imposition of a foreign language.'*

15. Ara: *In difesa della civiltà Italiena a Malta, Raccolta di Articoli di fondo del "Malta" organo del Partito Nazionale Maltese (con prefazione di Annibale Scicluna Sorge)* Livorno, 1931.

16. Ara: Ahmed Faris Ax-Xidjaq: *El-Wasita, Tagħrif dwar Malta tas-Seklu 19,* maqlub għall-Malti minn F.X. Cassar, Malta, 1985. Ma' din il-fehma jaqbel, bla ma jitkellem wisq fil-beraħ, Don Giuseppe Barbera fid-*Dizionario Maltese-Arabo-Italiano,* Bejrut, 1939. Waqt li l-għan ta' Ax-Xidjaq kien li jwissi lill-Għarab biex ma jiħdux l-eżempju tal-Maltin – rinnegati fil-kuntest pan-Għarbi – u jqumu fuq tagħhom billi jingħaqdu wara l-bandiera ta' l-Għarbi Klassiku li jinftiehem għax imgħallem mad-Dinja Għarbija kollha, il-għan ta' Barbera kien li juri lill-Malti bħala djalett tal-Għarbi Klassiku u jieħu pjaċir jistudjah bħala tali.

17. Ara, ngħidu aħna: D. Cantimori, *Illuministi e giacobini,* f'*La cultura illuministica in Italia,* Torin, 1964, p.290.

18. J.H. Pestalozzi (1746–1827), pedagogu u kittieb Svizzeru-Tedesk, ħatar ħajtu għall-istudju tat-torbija u għall-problemi soċjali, pedagoġiċi u politiċi, kien interpretu ewlieni ta' Rousseau, għamel lill-għalliema konxji tad-dinjità tagħhom u nebbaħ b'xogħlijietu bosta tiġdid fis-sistemi tat-tagħlim fl-Ewropa u fl-Ingilterra. Li jolqotna fih l-aktar, hawnhekk, huwa dak li qal dwar is-setgħa ċivili, jiġifieri: 'Huwa ħsieb umiljanti imma veru li kull avvanz fit-tmexxija tajba tal-poplu jrid jiġi mill-kabinett tas-slaten'. Skond din il-fehma hu nnifsu offra s-servizzi tiegħu lill-imperaturi Habsburgi Josef II u Leopoldu II.

19. Paolo Frasconi, Matteo Galdi : *Analisi di una trasformazione ideologica durante il periodo rivoluzionario-napoleonico in Italia, Rassegna Storica del Risorgimento,* Ġunju 1972.

20. Biblioteca Ambrosiana, *misc. S.C.V. IV. 1/5.*

21. Nevio Matteini, *La Repubblica di San Marino,* San Marino, 1966.

22. Ara: Fortunato Panzavecchia, *Ultimo Periodo della Storia di Malta sotto il Governo dell'Ordine,* Malta, 1835, pp 343–347: 'Fir-ras ta' dal-partit rivoluzzjonarju kien tqiegħed wieħed Vassalli li, minħabba fid-Dizzjunarju tal-Malti li kien għadu kif ħareġ hawn Malta, kien jistħoqqlu l-isem ta' studjuż, titlu li f'pajjiżi żgħar jitħallat ma' dak ta' politikant. Dar-raġel li kien għadu kif reġa' lura f'pajjiżu minn Ruma ra li l-Gżira kienet riesqa lejn qagħda mwiegħra u sab li kien hemm fiha xi nies li setgħu jingħaqdu bil-għan li jgħinu fil-ħtiġiet nazzjonali tal-pajjiż.'

23. Ara: Gio. Anton Vassallo, *Storia di Malta,* Malta, 1890 p.611: 'Kien hemm dak iż-żmien partit repubblikan magħmul minn Kavalieri Franċiżi u Maltin mill-aqwa. Il-partit kien jaħdem kontra l-Ordni u akbar ma bdew isiru r-rebħiet miksuba mill-armati tar-Repubblika, aktar beda jikber il-partit. Fost l-imsieħba ewlenin tiegħu kien hemm il-Balliju De Rohan, magħruf aħjar bħala l-Prinċep Camille, il-Kommendatur Ransijat; Bardonenche u Fay, il-Kavallier St Priest u l-inġinier Toussard; fost il-Maltin is-Sur Caruson, in-negozjanti Eynaud u Poussielgue u s-Sinjuri G.Guido, D.Doublet, Mikiel Anton Vassalli u V.Barbara, flimkien ma' bosta oħrajn. Dawn in-nies (li, bħall-eħrex repubblikani ta' Franża, ħadu l-isem ta' Ġakobini) kien ikollhom il-laqgħat tagħhom f'dar f'Ħal Lija u bl-ittri kien laħqu ftehim ma' Dolomieu f'Pariġi u ma' wħud mill-mexxejja tar-Repubblika, u mbagħad, laħqu bagħtu wkoll xi ittri lill-General Bonaparti.' Tagħrif dwar dan ta' l-aħħar jinsab fil-*Correspondence de Napoleon 1 publieé par ordre de l'Empereur Napoleon iii,* Pariġi, 1859.

24. Ara: Edward Azzopardi-Sant, *The Epic Story of the Maltese Nation,* Malta, 1933, p.42.

25. Ara: M.S. Anderson, *Europe in the Eighteenth Century, Londra, 1987 p. 311: 'Far from the Barbary States being able to disrupt European trade or terrorize the coasts of Spain and Italy as they had done in the sixteenth and seventeenth centuries, the boot was now increasingly on the other foot. Christian privateers and pirates (the distinction between the two meant little in practice) based on Malta, Leghorn or the Balearics captured and plundered Turkish and Barbary ships and their crews on a large scale. They thus provided the basis for a considerable trade in Muslim slaves; and their activities may have been one reason (though certainly not the only or the most important one) for the economic stagnation and even decline which is visible in most of the Arab and Turkish world in the eighteenth century.'*

26. L-irqaqat dwar dan l-inċident jinsabu fl-Arkivji ta' l-Ordni, MS. 273, *Liber Conciliorum Status*, fol 45; MS. 1529, *Liber Epistolarum* fol. 198–199 u f'dokumenti oħrajn ta' l-ittri li l-Inkwiżitur kien jibgħat lill-Vatikan.

27. Ara: F. Sammut, *Ir-Rivoluzzjoni Franċiża, Il-Ġrajja u t-Tifsira*, Malta 1989, p.59: "1. Il-bnedmin jitwieldu u jibqgħu ħielsa u ndaqs f'jeddijiethom. Id-distinzjonijiet soċjali tagħhom jistgħu jkunu msejsa biss fuq il-ġid ta' kulħadd. 2. Il-għan ta' kull għaqda politika huwa ż-żamma tal-jeddijiet naturali u prekrittivi tal-bniedem. Dawn il-jeddijiet huma l-ħelsien, il-proprjetà, is-sigurtà u l-kenn mill-moħqrija. 3. Il-prinċipju ta' kull awtorità ġej, fil-qofol tiegħu, min-nazzjon. L-ebda bniedem jew individwu ma jista' jħaddem awtorita' li ma tkunx ġejja espressament minnha..."

28. Ara: Jos Galea, *Art Twelidi*, Malta, 1984: 'Rogadeo ipproġetta qorti ġdida qabel kollox, dik ta' l-appell b'sitt imħallfin u president, li kellu jissejjaħ *Supremo magistrato di giustizia*, u ħareġ ktieb *Costituzione per la erezione del supreme Magistrato di giustizia del principato di Malta e del Gozo'* (Malta, Gio. Mallia, 1777, p.53)... Meta De Rohan ta l-kodiċi f'idejn l-avukat Ferdinandu Gatt u oħrajn biex jeżaminawh, Rogadeo ħa għalih, għax dawk qalu li dak il-kodiċi ma kienx jgħodd għal Malta, u talab biex jerġa' jmur lura pajjiżu. Kif wasal Napli beda jaħdem fuq ktieb *Ragionamento sul regolamento della giustizia e sulle pene* stampat Lucca, 1780. Dan il-ktejjeb kien kontra (l-avukati) Maltin. Weġbuh l-awdituri Gio. Nicola Muscat u Antonio Micallef, *Apologia a favor dell'inclita nazione maltese, dei suoi tribunali, segnatura e legisti* (Ruma, 1783). Sena wara ħareġ il-ktieb *Del Diritto Municipale di Malta* (Malta, Gio. Mallia, 1784).

29. Jos Galea, *Il-Ħakma Franċiża f'Malta*, Malta 1948, p.19.

30. L-Arkivju ta' l-Ordni, Ms. 274.

31. *Exposè de la Conduite de Malte à l'égard de France pendant la Revolution*, fil-*Correspondence de Napoleon*, 13 ta' Ġunju, 1798.

32. Paolo Frascani, Matteo Galdi: *Analisi di una trasformazione ideologica durante il periodo rivoluzionario-napoleonico in Italia*, op. cit. p.224.

33. Matteo Galdi kien paċifista. Fl-*Idea di rivoluzione*, maħruġ fil-*Giornale de' patrioti d'Italia* (Ara: Paolo Frascani, op. cit. p.220), Galdi, hu u jfassal definizzjoni tar-rivoluzzjoni bħala fenomenu, jissieħeb mal-kultura ta' qabel ir-Rivoluzzjoni aktar milli mal-viżjoni politika tal-Ġakobini. Huwa jmaqdar lil Roberpierre u lil Saint-Just għax jgħid li 'kieku ma kinux ibsin wisq' kien ikollhom il-ħila jeħilsu mir-reazzjoni ta' l-1794. Għalih, l-aħjar għamla ta' rivoluzzjoni kienet dik li "sseħħ plaċidament u skond in-natura." Iżda, m'għandniex xi ngħidu mhux ir-Repubblikani kollha kienu jaqblu ma' Galdi li fil-ġlieda li seħħet f'nofs is-sena 1798 safa wkoll mitfugħ il-ħabs.

34. L-injuranza li kienet issaltan fost il-Maltin laqtet lil Sarah Austin, mart il-mexxej tal-Kummissjoni li ġiet Malta fl-1836, li stqarret: "il-faqar morali u intellettwali tal-poplu huwa xi ħaġa tal-biża'. Fl-Irħula m'hemm l-ebda skola u t-tagħlim lill-klassi tan-nofs huwa baxx ukoll; professur ta' l-università għandu s-salarju ta' £25 fis-sena (meta fl-Ingilterra, għalliem fl-iskejjel elementari kellu 'l fuq minn £51 ... mhux ta' b'xejn li l-Maltin jibqgħu injuranti u bħat-tfal!" (Janet Ross, *Three Generations of Englishwomen*, Londra, 1889). Austin kienet qiegħda tikteb wara li kienu ġew l-Ingliżi u fis-sew ħaditha saħansitra kontra t-tmexxija Ingliża. Wieħed jista' jaħseb l-injuranza fiż-żmien li Vassalli ġie lura Malta minn Ruma – erbgħin sena qabel – x'livelli kienet laħqet!

35. Rebecca H. Gross, *Voltaire Nonconformist*, Londra 1968, p.133.

36. Micheal Baigent & Richard Leign, *The Temple and the Lodge*, Londra 1990 p.351.

37. Ġużepp Zarb, *Il-Mażunerija*, Malta 1940.

38. Andrew P. Vella, Storja ta' Malta, Malta 1797, p.189. Ara wkoll: W. Bro.A.M. Broadley, *The History of Freemasonry in the district of Malta* (Freemason Office, Londra 1880), p.4: '*Although the corporate body of the Knights of St John was obliged, as a Catholic institution, to yield to Papal influence and assume a position inimical to speculative Freemasonry, indivudual members of the Order of Malta, and many of the inhabitants of the Island, were amongst the first to enrol themselves under its comsmopolitan banner.*'
40. Alec R. Vidler: *The Church in an age of Revolution, The Pelican History of the Church,* 1987, p.13) Fl-istess paġna Vidler jgħid hekk: '*The vast wealth of the church was very unevenly distributed. Whereas most of the bishops and dignitaries could live in opulence and luxury, the inferior clergy, especially in the country, were generally poor and dependent on the precarious collection of tithes. This disparity in clerical remuneration and means of livelihood made for discontent and division in the Church and disposed the lower clergy to favour the idea of radical change.*' Hawn Malta l-qassisin ordinarji mmexxijin minn Mannarinu ħadu sehem ewlieni fl-irvell, imsejjaħ sewwasew l-Irvell tal-Qassisin kontra l-Gvern ta' l-Ordni. Meta Napuljun niżel Malta huwa laqa' lil Mannarinu l-ewwelnett għax ried jagħti prova tal-miżerja li minnha kien tella' lill-Maltin minn xagħarhom u t-tieni għaliex billi Mannarinu kien il-ħabs, Napùljun ried juri li min bħalu kien bata taħt l-Ordni kien ħabib tar-Rivoluzzjoni. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Ġakobini, li magħhom kien jgħodd ruħu, kien li jgħinu fit-tqassim bil-ħaqq tal-ġid tal-pajjiż. Għemil Mannarinu kien qisu d-diwi ta' kliem wieħed qassis, mislut minn Vidler, op cit p.14, li fil-bidu tar-Rivoluzzjoni Franċiża stqarr: 'Minn hawn u ftit jiem oħra se nagħlaq tmienja u disgħin sena, l-ebda jum f'ħajti ma kien hekk hieni daqs dak li qed nara jisbaħ. O xemx imbierka li taħtek qed jitqanqlu daqs dawn virtuwijiet!'
41. Arthur Bonnici: *History of the Church in Malta,* Vol III, Malta 1975, p.203.
42. Tista' tkun kienet din ir-raġuni għaliex, kif se naraw 'il quddiem, dar Vassalli kienet murija bħala '*casa sospetta*' fir-reġistru tal-Parroċċa ta' San Pawl tal-Belt? (Ara: Karm Sant, *Tagħrif ġdid fuq M.A. Vassalli..., Leħen il-Malti,* Għadd 22, 1980, p.5). Minnu li sadattant kienu għaddew l-għexieren tas-snin iżda jekk kien hemm xi taħdit dwar Vassalli bejn l-Inkwiżitur u l-Knisja ma tkunx ħaġa stramba li ta' l-aħħar baqgħet b'għajnejha miftuħa għalih l-aktar billi ma kellux żwieġ regolari u għalhekk iken saħħaħ kull 'suspett' li seta' kien hemm fuqu fi żmien meta l-Mażunerija, taħt l-Ingliżi, bdiet tixtered aktar f'Malta u barra mill-fehma tradizzjonali tal-Papat dwarha daħlet ukoll fil-kwestjoni politika bejn il-Knisja f'Malta u l-Ingliżi li meta ġew Malta wiegħdu li jqimulha xewqatha fil-ħwejjeġ tat-twemmin.
43. Skond tagħrif maħruġ mill-*Quatuor Coronati Lodge,* il-fehma Franċiża issa daret kontra din l-idea għax jaħsbu li kien sar mażun qabel fi Franza. Fil-lista ta' l-1853 tal-Loge Bonaparte, Napuljun jidher bħala 'Protettur tal-Frammassoneria, 1804'. Minn kitbiet ta' Sir Walter Scott, Mażun mal-*Grand Lodge* ta' l-Ingilterra nintebħu li l-Mażunerija Ingliża, kienet kontra Napuljun.
44. Vincent Cronin, *Napoleon,* Penguin, 1979, p.180.
45. Luigi Bonaparte, *Risposta a Sir Walter Scott sulla Vita di Napoleone,* Livorno, 1829, p.34. Hu Napuljun jikteb: *E'falso che in Egitto ei si sia mostrato convinto della verità della missione di Maometto. Ei proclamava esser la religione musulmana la dominante del paese e coloro che la rispettassero ed eziando la proteggessero... l'immagine d'Iddio sulla terra, il suo linguaggio non può nè dev'essere che quello della ragione e della verità. Con tutto ciò può avere la facoltà di proclamare e rispettare il culto e le opinioni religiose dei popoli conquistati; ed è sotto questo aspetto che considerare dobbiamo i proclami di Napoleone dirizzati ai Musulmani; quanto a me gli ho per un manifesto di tolleranza dalla parte dell'armata francese verso i conquistasti popoli dell'oriente.*'
46. Vincent Cronin, op. cit. p.266.
47. Ittra tat-28 ta' Novembru 1762.
48. *The Temple and the Lodge,* op cit. p.354.
49. John Attard Montaldo, *The Nobles of Malta 1530–1800,* p.346.
50. Edward Azzopardi – Sant, op cit jislet lil Hannibal Scicluna: *Actes et Documents pour senvir à l'Histoire de l'Occupation Française de Malte.*

51. Fl-1775 De Rohan kien amar li l-proċessi legali u l-atti tan-nutara jibdew jinkitbu bit-Taljan u mhux aktar bil-Latin. (Ara: Giuseppe Brincat, *La lingua italiana a Malta, Quaderno dell'Istituto Italiano di Cultura in Malta,* 1992, p.2). Dan kien iż-żmien meta fl-Italja beda diehel it-Taljan flok il-Latin fl-użu mhux letterarju. Fis-saltna ta' Napli, nghidu ahna, bdiet kondifikazzjoni bilingwi (Latin–Taljan) b'amar tas-Sultan Karlu III. Sadattant, iżda, fit-taghlim sekondarju, il-Latin kellu sehem kemm bhala materja ta' studju kemm bhala lsien strumentali. Fl-universitajiet it-taghlim baqa' jinghata bil-Latin u qam plejtu shih meta Antonio Genovesi f'Novembru ta' l-1764 ta bit-Taljan lezzjonijiet tal-katedra ġdida ta' l-Ekonomija Ċivili mwaqqfa minn B. Intieri sewwasew bil-kundizzjoni li l-lezzjonijiet isiru bit-Taljan. (Ara: Bruno Migliorini – Ignazio Baldelli, *Breve storia della lingua italiana,* Firenze, 1965, p.232).

52. A. Cremona, *Vassalli and his Times* (trans. May Butcher), Malta 1940 p.12.

53. Kemm ma kinitx idea ta' barra minn din id-dinja din il-proposta narawh mill-fatt li fl-1802, jiġifieri meta Malta kienet harġet mill-hakma tal-Kavalieri u wkoll minn dik Franċiża, u l-firmatarji tat-Trattat ta' Amiens kienu qeghdin jiddiskutu x'se jaghmlu b'Malta, il-Kżar tar-Russja li kien sar Protettur ta' l-Ordni, stenna li Malta terġa' tinghata lill-Ordni u did-darba tiżdied Lingwa Sewwasew Maltija, barra dik Russa, li fiha setghu jidhlu l-Maltin basta jġibu l-provi tas-soltu tan-nobbiltà taghhom. Meta l-firmatarji tat-Trattat waslu f'Artiklu X, warrbu l-kundizzjoni tal-Kżar u fil-25 ta' Marzu 1802 qatghuha li Malta terġa' tinghata lura lill-Kavalieri u l-indipendenza taghha titqieghed taht il-protettorat u l-garanzija ta' Franza, l-Ingilterra, l-Awstrija, Spanja, il-Prussja u r-Russja. Kellha titwaqqaf Lingwa Maltija imma l-ebda prova ta' nobbiltà ma kellha ghalfejn tinġieb u l-Maltin li jidhlu fiha jkunu jistghu jiehdu l-hatriet kollha u jgawdu l-privileġġi kollha bhall-Kavalieri tal-Lingwi l-ohrajn. – Andrew P. Vella, *Malta and the Czars,* Malta, 1965, pp.46–47.

54. Madame de Staël: *Considerations sur la Révolution Française presenté et annoté par Jacques Godechot,* Pariġi, 1983 p.17.

55. A. Cremona: *Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu,* op cit, p.15.

56. Taghrif li nghata minn Andrew P. Vella f'nota f'qiegh paġna 42 ta' *Malta and the Czars* (Malta, 1965): *Lettere scritte alla Segreteria di Stato, Inquisitore Carpegna* 18 ta' Mejju 1797.

57. Fis-sentenza nsibu li ġew ikkundannati ghaxra: Mss 1020 fl-Arkivji tal-Bibjoteka Nazzjonali.

58. Andrew P. Vella, *The Tribunal of the Inquisition in Malta,* Malta 1973, p.40.

59. Fosthom l-Orjentalisti maghrufin Assemani u C.S.Sonnini u, wara, Silvestre de Sacy.

60. Dokument Nru 337 fl-Arkivji tal-Bibjoteka Nazzjonali 6524c – bl-isem *Registre des Petitions* li sabu Ġużè Cassar Pullicino u ghaddieh lil Ninu Cremona li mbaghad użah f'*L'Antica Fondazione della Scuola Araba in Malta* (fil-*Melita Historica,* Vol 1, Nri 2–4, 1955, pp.13, 30–32). Id-Dokument huwa petizzjoni li ressaq Vassalli quddiem il-Gvern Rivoluzzjonarju f'Malta biex jitlob li jinghata l-katedra tal-Gharbi billi kienet saret battala mal-mewt tal-Professur Ġużeppi Calleja (li ghandu kien tghallem Vassalli nnifsu f'żghożitu qabel tela' Ruma). Ta' min wiehed iżid jghid hawnhekk li ghad li l-katedra tal-Gharbi ma tawhilux, ghandhom mnejn minhabba li ma damx ma nqala' l-imkwiet, xorta harġulu salarju li bih seta' jghix sakemm dam maghluq il-Belt fl-imblokk.

61. A. Cremona: *Vassalli and his Times,* op cit. p.31.

62. Vincent Cronin, *Napoleon,* op cit p.177. Ghad li kien sejjer bi spedizzjoni militari, Napuljun ried li malli jiehu l-Eġittu u b'hekk ikun ta daqqa ta' harta lill-Imperu Ingliż, jaghti wkoll bidu ghat-tiftix arkeoloġiku li fil-fatt ghen biex l-istudju arkeoloġiku jaghmel passi kbar 'il quddiem.

63. Il-mit tar-Raġuni jidher mgholli fil-versi tal-poeta Skoċċiż James Thomson (1700–48): '*Let godlike Reason from her sovereign throne Speak the commanding word – I will – and it is done*'

64. Vassalli studja l-ilsna orjentali Ruma f'istituzzjonijiet gholjin fosthom l-Universita' La Sapienza – Domenico Spadoni, *Maltesi nell'Ateneo Romano dalla fine del'600 alla metà dell'800, Archivio Storico di Malta, Anno XII, Fasc. 1,* 1941, p.70.

65. Meta Napuljun ha l-Eġittu, reġa' fela n-notamenti li kien ha mill-*Histoire Ancienne des Egyptiens,* ecc. ta' Rollin (1740) biex imexxi l-iskavi. Vincent Cronin op cit. p.100. (Vassalli qaleb *l-Istorja tas-Sultan Ċiru* minn dik ta' Rollin).

66. Migliorini & Baldelli, *Breve Storia della lingua italiana,* op cit. p.222, jgħid hekk dwar il-ħidma lingwistika li kienet għaddejja fl-Italja fi żmien Vassalli: *'Mentre le parlate locali vigoreggiano, l'uso scritto dei dialetti non è una manifestazione di popolani, ma di letterati, ben consci di servirsi a fine d'arte di un mezzo particolare che offre determinate risorse. Il carattere spiccatamente letterario di quest'uso scritto risulta anche dalla influenza della lingua poetica toscana ed aulica sui lirici dialettali, quasi tutti arcadici.'* Vassalli kien għal kollox aġġornat fil-ħidma intellettwali kontemporanja.

67. Beccaria (Milan, 1738—94), in-nannu ta' Alessandro Manzoni, kien letterat, ekonomista u studjuż tal-liġi u kellu rabtiet ma' l-Enċiklopedisti. L-aqwa ktieb tiegħu kien id-*Dei delitti u delle pene* (1764) li fih iħebb għall-qagħda kerha tal-liġi penali fi żmienu. Lestieh f'xahrejn u ġablu t-tifħir ta' Voltaire u stedina mingħand Katerina II tar-Russja biex imur jgħix Pietruburgu.

68. Żewġ paragrafi ewlenin mill-kapitlu V ta' Beccaria, op cit.

69. Beccaria jisħaq li l-liġijiet kellhom jinkitbu bil-*lingua nazionale*, jiġifieri bit-Taljan, u mhux bil-Latin kif kienu għadhom jagħmlu sa żmienu. Vassalli jdaħħal il-kelma '*nazionale*' li juża Beccaria ħalli tinftiehem weħidha u m'għandniex xi ngħidu b'*nazionale*' kien jifhem il-Malti. Dan l-eżempju tal-kittieba Taljani mxew fuqu wkoll ir-Romantiċi li ġew wara Vassalli, fosthom Ġan Anton Vassallo li fid-dawl tal-mit tal-poplu—poeta u li l-ilsien poetiku kellu jkun ilsien il-poplu kiteb bil-Malti sewwasew għax dak kien l-ilsien tal-poplu tiegħu. Jekk il-kitba ta' Vassalli qanqlet lill-Maltin fil-kitba ta' lsienhom, ix-xrara tar-Romantiċi kebbset in-nar li biż-żmien kellu jsir il-ħuġġieġa tal-letteratura Maltija.

70. Fid-*Discorso* Vassalli jmaqdar lil dan il-*Compendiu* wkoll iżda għal raġunijiet oħra, jiġifieri fejn tidħol iċ-ċarezza tal-ħsieb (jew in-nuqqas tagħha) u l-grammatika tal-lingwa l-aktar meta ħarġet edizzjoni ieħor tiegħu bl-isem *Miġimgħa* li Vassalli jaħtar ftit noti ġmielhom biex ifisser l-għelt li kien fih l-isem innifsu tal-volum. Aktar ma wieħed jaqra dawn in-noti aktar wieħed jintebaħ biċ-ċarezza ta' ħsieb Vassalli u l-ħakma sħiħa tiegħu fuq l-ilsien tal-poplu.

71. Il-Kapitlu ta' qabel ta' l-aħħar bit-titlu '*Come si prevengano i delitti*'.

72. Dil-fehma mbagħad warrabha meta ħareġ il-*Grammatica* fl-1827.

73. A.M. Broadley, *The History of Freemasonry in the Island of Malta*,pp.14—19. Il-loġġa kienet infetħet minn Walter Rodwell Wright, President tal-Qorti ta' l-Appell u Membru Anzjan tal-Kunsill Suprem tal-Ġustizzja. Infetħet b'liċenzja tal-Gvernatur fi Triq Nofsinha il-Belt.

74. Mid-dehra sa April tas-sena ta' wara kien għadu jew ma tħallsax jew bil-ħlas b'kollox xorta ma setax ilaħħaq mal-ħajja għax oħt Frere kitbet fit-18 ta' April lil ħuha l-ieħor Dr. William Frere li Vassalli kien lest imut bil-ġuħ biex jilħaq il-ħsieb ta' moħħu: li joħroġ il-Grammatika u kotba oħra tal-Malti.

75. K. Sant, *It-Traduzzoni tal-Bibbja u l-Ilsien Malti* 1810—1850, p.27.

76. Ibid. p.46.

77. *Ibid.*, p. 20. Sant jislet kliem Sclienz minn ittra li dan bagħat barra: *'The boys themselves however are not acquainted with these our views (i.e. to bring through them are Gospel and the Gospel doctrine into the hands of the Maltese), but their pleasure in the kind of work which they at present do bids fair hope that they would gladly enter them at its due time.'*

78. Setgħet kienet imniżżla hekk għax kienu jaraw il-Protestanti deħlin għandu sikwit. (Ara: *Vassalli and his times,* op. cit., p. 110).

79. *'Nous voyons avec plaisir qu'il renonce a assigner à un idiome, qui visiblement n'est qu'un dialecte vulgaire de la langue des Arabes d'Afrique, une origine si ancienne'*. (Għandna pjaċir naraw li m'għadux jagħti lil dan l-ilsien, li huwa ċar li m'hux għajr djalett popolari tal-lingwa ta' l-Għarab ta' l-Afrika nisel hekk qadim). Silvestre de Sacy, *Journal des Savans* Avril, 1829.

80. F'ittra dwar Vassalli, Schlienz jgħid: *'As Mr Vassalli never made profession of being a Protestant we would have had him buried in a Catholic burial place.'* A. Cremona, *Vassalli and his Times,* op. cit p. 114.

81. Ibid. p. 115.

82. Hookham Frere kien qal lil Schlienz jibnilu mafkar żgħir. Il-mafkar kellu jibnih l-iskultur Dimech iżda baqa' ma sarx. Għal fuq il-mafkar Schlienz kien ħejja dal-kliem: *'Michel Antonio Vassalli. Born in this island (month)(year) died 12th January 1829, meritoriously distinguished for cultivating the Maltese Language and reducing it to grammatical system.'* A. Cremona, ibid p. 115.